

Brussell, 5 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9932/25

ENV 476
CLIMA 195
AGRI 251
FORETS 36
ENER 217
TRANS 226
IND 172
SAN 306

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 280 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 280 final.

Mehmuż: COM(2025) 280 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2025
COM(2025) 280 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma

L-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma

1. INTRODUZZJONI – TĦEJJIJA TAX-XENA

L-ilma huwa l-ħajja. Il-bnedmin, il-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet u n-natura li ngħixu fiha u niddependu fuqha, ma jistgħux jgħixu mingħajr ilma. L-ambjent tagħna, l-ekonomija tagħna, is-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija tagħna u l-kwalità tal-ħajja tagħna jiddependu fuq provvista stabbli ta' ilma tal-kwalità t-tajba.

Madankollu, illum ma nistgħux nassumu li l-ilma mhu se jispiċċa qatt, u dan jaffettwa liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-ambjent. L-Ewropa hija l-kontinent li qed jisħon l-aktar malajr fid-dinja minħabba t-tibdil fil-klima. L-impatti klimatiċi bħas-sħana estrema, l-għargħar katastrofiku, in-nixfiet fit-tul u n-nirien forestali qed jiżdiedu fil-frekwenza u fis-severità tagħhom u se jkomplu jiżdiedu. Dawn l-avvenimenti jikkawżaw impatti fuq is-saħħa u mwiet prematuri, interruzzjoni tal-provvista tal-enerġija u tal-ilma tax-xorb u telf ekonomiku dejjem akbar¹ għan-negozji, għall-bdiewa u għall-akkwakultura. Jekk ma jiġux indirizzati, l-inugwaljanzi relatati mal-ilma għandhom il-potenzjal li jagħmlu ħsara lill-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kumplessiva tal-UE² u tal-bqija tad-dinja. Dan huwa partikolarment minnu għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, fejn il-pessjonijiet klimatiċi u l-lakuni fl-infrastruttura jagħmluha partikolarment diffiċli biex dak li jkun ikollu aċċess għal ilma nadif u sikur. **L-aċċess għal ilma nadif u affordabbli huwa dritt tal-bniedem u ben pubbliku.**

Ir-reżiljenza tal-ilma hija kwistjoni ta' sigurtà u ta' preparatezza għall-kriżijiet għall-UE. L-ilma huwa hteġa bażika u riżorsa kritika. Kif deskritt fl-istrateġija għal unjoni tal-preparatezza, is-sigurtà tal-provvista tal-ilma ħelu nadif u affordabbli trid tkun “prijorità gwida” għall-Unjoni³.

L-investiment fil-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u fl-innovazzjoni se jsaħħaħ in-negozji tal-Ewropa u jagħti spinta lill-kompetittività. Mill-10 riskji globali fit-tul ewlenin għan-negozji identifikati mill-Forum Ekonomiku Dinji⁴, 5 huma relatati mal-ilma. Il-ġestjoni mhux sostenibbli tal-ilma timmina s-sigurtà ġenerali tagħna tal-provvista u tal-kompetittività, kif rikonoxxut fil-Boxxla għall-Kompetittività⁵ u fil-Patt għal Industrija Nadifa⁶. Dan jitlob integrazzjoni aħjar tar-reżiljenza tal-ilma fid-deċiżjonijiet tan-negozju u viżjoni integrata ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma, li tirrifletti xenarji klimatiċi fit-tul.

¹ In-nixfiet ikkawżaw telf straordinarju ta' madwar EUR 40 biljun fl-2022 biss. L-għargħar ikkawża, bejn l-1980 u l-2023, telf ta' EUR 325 biljun. Flimkien ma' dawn l-isfidi, it-tniġġis tal-ilma jġġenera kostijiet li jvarjaw minn EUR 55 biljun sa EUR 73 biljun. Ara l-istudju tal-Kummissjoni dwar il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni, fil-kuntest tar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali li jmiss.

² *Ninth Report on Economic, Social and Territorial Cohesion*, il-Kapitolu 4 “Green Transition”, 2024 (https://ec.europa.eu/regional_policy/information-sources/cohesion-report_en).

³ L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal unjoni tal-preparatezza, JOIN(2025) 130 final.

⁴ *Global Risks Report 2024*. Dawn il-ħames riskji globali ewlenin, relatati wkoll mal-ilma huma: 1) Avvenimenti Meteoroloġiċi Estremi, 2) Bidla Kritika fis-Sistemi tad-Dinja, 3) Telf tal-Bijodiversità u kollass tal-ekosistema, 4) Nuqqas ta' riżorsi naturali u 5) Tniġġis <https://www.weforum.org/publications/global-risks-report-2024/>.

⁵ COM (2025) 30 final Boxxla għall-Kompetittività tal-UE.

⁶ COM(2025) 85 final Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni.

Ir-reżiljenza tal-ilma hija opportunità ta' negozju sinifikanti għall-industrija tal-UE. L-Ewropa hija mexxej dinji fit-teknoloġija tal-ilma, u għandha 40 % tal-privattivi tad-dinja⁷. Fl-2022 biss, is-settur iġġenera EUR 111,7 biljun f'valur miżjud u appoġġa 1,6 miljun impjieg f'81 500 intrapriża, li l-maġġoranza tagħhom huma SMEs⁸. Irridu nisfruttaw din il-pożizzjoni u nsaħħu l-vantaġġ kompetittiv tal-UE fis-Suq Uniku u fil-livell internazzjonali. Pereżempju, f'ċerti setturi, hemm il-potenzjal li jitnaqqsu l-kostijiet marbuta mal-ilma u dawk operatorji b'sa EUR 2,8 biljun fis-sena, jinħolqu 9 000 impjieg addizzjonali fis-sena, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żviluppat l-għarfien espert dinji meħtieġ⁹.

Tmexxija globali Ewropea b'saħħitha dwar ir-reżiljenza tal-ilma hija opportunità biex jinbnew alleanzi strateġiċi ma' sħab internazzjonali. Il-kompetizzjoni dinjija għall-provvisti li qed jonqsu tal-ilma ħelu taggrava l-kunflitt u l-ispostament. B'dan ir-ritmu, id-domanda globali għall-ilma se taqbeż dak li huwa disponibbli b'40 % fl-2030¹⁰. Fl-2024, madwar id-dinja kollha, id-diżastri relatati mal-ilma spostaw 40 miljun persuna u kkawżaw aktar minn EUR 480 biljun f'danni¹¹. Filwaqt li tibni fuq il-kunsens globali¹² li l-mudell kurrenti tagħna ta' ġestjoni tal-ilma ma huwiex sostenibbli, l-UE hija determinata li tagħmel il-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2026, pass importanti fl-ixprunar tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, wasal iż-żmien li r-reżiljenza tal-ilma titqiegħed fil-quċċata tal-aġenda politika kif indikat mill-Kunsill Ewropew¹³, il-Parlament Ewropew¹⁴ u l-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁵. Din hija r-raġuni għaliex, fil-Linji Gwida Poliċi tagħha 2024–2029, il-President von der Leyen ħabbret Strateġija Ewropea ġdida għar-Reżiljenza tal-Ilma. Din għandha tgħin lill-partijiet kollha tal-UE biex itejbu l-ġestjoni tal-korpi tal-ilma tagħha, jindirizzaw l-iskarsezza, itejbu l-vantaġġ innovattiv kompetittiv tal-industrija tal-ilma¹⁶, filwaqt li jħaddnu approċċ nadif u ċirkolari.

L-Istati Membri organizzaw il-ġestjoni tal-ilma tagħhom b'modi differenti, li jinvolvu diversi forom ta' sjieda pubblika jew privata, jew kombinazzjoni tat-tnejn. Din l-Istrateġija tirrispetta bis-sħiħ dawn l-għażliet nazzjonali u tirrikonoxxi li ma hemmx soluzzjoni universali, b'mod partikolari minħabba l-fatt li d-disponibbiltà tal-ilma tvarja konsiderevolment bejn Stati Membri differenti, kif tagħmel ukoll il-vulnerabbiltà ta' setturi differenti fejn jidħol l-istress idriku.

2. L-OBJETTIVI EWLENIN

Din l-istrateġija tistabbilixxi perkors biex l-Ewropa ssir reżiljenti fil-qasam tal-ilma, u l-bażi ewlenija tagħha hija l-viżjoni għall-2050 imressqa mill-UE fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023 għal

⁷ L-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, *Innovation in water-related technologies* (Lulju 2024), disponibbli [hawnhekk](#).

⁸ Il-Eurostat, *Businesses in the water supply, sewerage, waste management and remediation sector* (data estratta fi Frar 2025), disponibbli [hawnhekk](#).

⁹ Water Europe (2024), *Socio-economic study on the value of the EU investing in water*.

¹⁰ Rapport tal-Kummissjoni Globali dwar l-Ekonomija tal-Ilma, 2024.

¹¹ Global water monitor: 2024 summary report | PreventionWeb.

¹² Miksub fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023.

¹³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023 - EUCO 4/23.

¹⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma (2024/2104(INI)).

¹⁵ L-Opinjoni Ġenerali tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Sejħa għal Patt Blu tal-UE" CCMI/209 tal-25 ta' Ottubru 2023.

¹⁶ F'din il-Komunikazzjoni, l-industrija tal-ilma tkopri l-impriżi — kemm pubbliċi kif ukoll privati — involuti fil-provvista tal-ilma (tax-xorb) u t-trattament tal-ilma mormi inkluż l-ilma mormi urban u industrijali. Din tinkludi, fost l-oħrajn, l-inġinerija tal-ilma, il-bini tal-infrastruttura tal-ilma, l-iżvilupp u l-forniment ta' tagħmir u teknoloġiji relatati mal-ilma.

UE reżiljenti fil-qasam tal-ilma, li tipprovdi sigurtà tal-ilma għal kulħadd. Dan jinvolvi l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi akkwatiċi, u bilanċ ġust bejn il-provvista tal-ilma u d-domanda għall-ilma li jwieġeb għall-ħtiġijiet kurrenti, inkluż ir-realizzazzjoni tad-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, mingħajr ma jiġu kompromessi d-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Biex inpoġġu l-Ewropa fit-triq ta' reżiljenza tal-ilma, irridu naħdmu fuq tliet objettivi:

1. Ir-restawr u l-protezzjoni taċ-ċiklu tal-ilma bħala bażi għal provvista sostenibbli tal-ilma.
2. Il-bini ta' ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma flimkien maċ-ċittadini u l-atturi ekonomiċi b'mod li jappoġġa l-kompetittività tal-UE, huwa attraenti għall-investituri u jappoġġa industrija tal-ilma tal-UE b'saħħitha.
3. L-iżgurar ta' ilma u sanità nodfa u affordabbli għal kulħadd f'kull ħin, u l-ġoti tas-setgħa liċ-ċittadini għar-reżiljenza tal-ilma.

Il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, jipprovdu bażi b'saħħitha biex jintlaħqu dawn l-objettivi¹⁷. L-Istati Membri — u l-awtoritajiet lokali jew reġjonali tagħhom — ta' spiss ikunu fl-aħjar pożizzjoni biex jindirizzaw il-ġestjoni tal-ilma peress li huma jkunu jafu ċ-ċirkostanzi, l-isfidi u s-soluzzjonijiet possibbli tagħhom stess. Din l-Istrateġija tirrikonoxxi bis-sħiħ li l-Istati Membri huma liberi li jorganizzaw is-sistemi tal-provvista tal-ilma tagħhom kif jidhrilhom xieraq, fil-limiti tal-liġijiet tal-UE. Biex tappoġġa l-inizjattivi tal-Istati Membri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera dwar l-ilma, hija tidentifika ħames oqsma ta' azzjoni tal-UE: (i) il-governanza u l-implimentazzjoni; (ii) il-finanzi, l-investimenti u l-infrastruttura; (iii) id-diġitalizzazzjoni; (iv) ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-industrija u l-ħiliet; u (v) is-sigurtà u l-preparatezza.

2.1 Ir-restawr u l-protezzjoni taċ-ċiklu tal-ilma bħala bażi għal provvista sostenibbli tal-ilma

Ċiklu tal-ilma li jiffunzjona tajjeb huwa essenzjali għar-reżiljenza tal-ilma. L-ilma jimxi f'ċiklu li b'mod naturali jaħżen, jippurifika u jirrilaxxa l-ilma, proċess li jiddependi fuq ħamrija, artijiet mistaġħdra, foresti u ekosistemi oħra sani. Madankollu, l-isfruttament żejjed u l-ġestjoni ħażina tar-riżorsi tal-ilma, it-tniġġis, kif ukoll it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, affettwaw ħafna dan iċ-ċiklu u naqqsu b'mod sever kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità tal-ilma.

Il-qafas eżistenti tal-UE għall-ilma ħelu, inkluż id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma,¹⁸ id-Direttiva dwar il-Ġestjoni tal-Għargħar¹⁹, u r-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura²⁰, jipprovdi qafas regolatorju komprensiv għaċ-ċiklu tal-ilma tal-Ewropa. Madankollu, se tkun meħtieġa implimentazzjoni effettiva biex iċ-ċiklu tal-ilma jiġi restawrat fil-kwantità u fil-kwalità. L-objettiv tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma li jinkiseb status tajjeb tal-korpi kollha tal-ilma sal-2027²¹ u l-objettivi tad-Direttiva dwar l-Għargħar jibqgħu l-boxxla għall-azzjoni. Il-Kummissjoni se tagħti prijorità lill-

¹⁷ Ara ħarsa ġenerali lejn l-objettivi ewlenin stabbiliti fil-leġiżlazzjoni eżistenti fl-Anness II.

¹⁸ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj>).

¹⁹ Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2007/60/oj>).

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj>).

²¹ Rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA, European Environment Agency) dwar l-istat tal-ilma tal-UE <https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/europes-state-of-water-2024>

infurzar abbażi tal-aħħar valutazzjoni tagħha tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċini tax-Xmajjar (RBMPs, River Basin Management Plans) u tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar (FRMPs, Flood Risk Management Plans) nazzjonali fi djalogu mal-Istati Membri²². Biex tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Istati Membri fl-indirizzar tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfiet, il-Kummissjoni se tiżviluppa indikaturi għall-iskarsezza tal-ilma u se tippubblika Gwida Teknika dwar il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tan-Nixfa. Ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura jipprovdi opportunità biex tiġi appoġġata l-ġestjoni tal-kwantità tal-ilma u tissaħħaħ ir-reżiljenza kemm kontra n-nixfiet kif ukoll kontra l-għargħar b'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Ir-reżiljenza tal-ilma u tal-klima trid tiġi integrata bis-siġh fil-pjanijiet ta' restawr nazzjonali li għandhom jiġu żviluppanti sal-2026.

L-għan tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina tal-2008 li jinkiseb status ambjentali tajjeb għall-ilmijiet marini sal-2020 ma ġiex issodisfat. Il-bijodiversità marina qed tonqos, u t-tniġġis mix-xmajjar qed ikompli jagħmel ħsara lill-ħajja marina. Wara evalwazzjoni reċenti²³, il-Kummissjoni se tirrevedi d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina biex ittejjeb il-koerenza mal-acquis tal-UE dwar l-ilma ħelu, billi tiffoka fuq it-twassil tar-riżultati billi tnaqqis ir-rekwiżiti ta' rapportar, u tejjeb il-ġestjoni tad-data u l-governanza fil-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġionali.

Minbarra l-leġiżlazzjoni eżistenti, jeħtieġ inżidu l-isforzi tagħna biex intejbu ż-żamma tal-ilma fuq l-art. B'mod konsistenti mal-Patt tal-UE għall-Oċeani, jeħtieġ nagħtu prijorità lill-użu tal-potenzjal siġh tal-ekosistemi tagħna għall-ħażna, il-purifikazzjoni, ir-rilaxx u r-restawr tal-ilma fuq l-art u fil-baħar, abbażi ta' approċċ mis-sors għall-baħar. Fi triqtu lura lejn il-baħar, l-ilma ħelu jinħażen b'mod naturali fil-ħamrija, fil-foresti, fl-artijiet mistagħdra, fil-pjanuri tal-għargħar u f'ekosistemi oħra. Jeħtieġ tiġi rimedjata l-funzjoni naturali ta' sponża tal-pajsaġġi tagħna biex terġa' timtela r-riżerva tagħna tal-ilma ta' taħt l-art u tiġi protetta l-bijodiversità. Biex tikkordina aħjar u żżid l-inizjattivi eżistenti²⁴ mmirati sabiex tiżdied iż-żamma tal-ilma fuq l-art, il-Kummissjoni se tiżviluppa "Faċilità Sponża", li ttiprovdi qafas koerenti għal inizjattivi ġodda u eżistenti biex tiżdied iż-żamma tal-ilma fuq l-art. Kif stabbilit fil-Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tincntiva u tappoġġa prattiki tal-biedja li jirkupraw, iżommu jew itejbu s-saħħa tal-ħamrija, bħall-biedja organika u l-approċċi agroekoloġiċi li jżommu l-ilma fil-ħamrija. Fiż-żoni urbani, għandhom jiġu promossi "bliet sponża", imsawra b'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura biex jassorbu u jirrilaxxaw l-ilma b'mod ikkontrollat. Barra minn hekk, hija essenzjali l-ġestjoni integrata tal-ilma ħelu u tal-ilma marin. It-tniġġis tax-xmajjar, it-tfixkil tal-flussi tas-sedimenti, u n-nuqqas tal-ilma, kollha għandhom impatt qawwi fuq is-saħħa tal-ekosistemi tal-baħar u l-vijabbiltà tal-attivitajiet soċjali u ekonomiċi li jiddependu fuqhom, bħas-sajd, l-akkwakultura jew it-turiżmu²⁵. Iż-żoni kostali għandhom rwol kritiku fiċ-ċiklu tal-ilma u huma kruċjali biex jiġi evitat li t-tniġġis minn għejun terrestri jispiċċa fil-baħar. L-ippjanar spazjali effettiv jista' jnaqqas il-vulnerabbiltà tal-komunitajiet kostali, tal-ibliet, tal-portijiet marittimi u tad-deltas tax-xmajjar baxxi għat-tibdil fil-klima, filwaqt li l-portijiet marittimi jeħtieġ ukoll li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tat-tniġġis mill-vapuri billi jaderixxu

²² Il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż raggruppati f'seba' kategoriji ewlenin: a) l-azzjoni aċċellerata biex jitnaqqas id-distakk fil-konformità; b) iż-żieda fl-investimenti; c) l-indirizzar ta' pressjonijiet ewlenin; d) it-tiżiħ tar-reżiljenza kontra l-estremijiet relatati mal-ilma (inkluża rakkomandazzjoni speċifika dwar l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar l-Għargħar); e) il-kooperazzjoni transkonfinali; f) l-eżenzjonijiet u g) il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rapportar. Għal aktar informazzjoni ara https://environment.ec.europa.eu/topics/water/water-framework-directive/implementation-reports_mt

²³ [Evalwazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina \(SWD\(2025\)50\)](#) u l-[anness tagħha](#).

²⁴ Missjonijiet ta' Adattament u tal-ħamrija, Gwida dwar Pajsaġġi Reżiljenti għall-Klima, is-Sħubija Tematika tal-Aġenda Urbana għall-Unjoni Ewropea (UAEU, urban Aġenda for the European Union) dwar "Belt Sensittiva għall-Ilma", il-proġett Interreg tal-Belt Sponża fir-Reġjun tad-Danubju.

²⁵ Macias, D., Bisselink, B., Carmona-Moreno, C. *et al.* The overlooked impacts of freshwater scarcity on oceans as evidenced by the Mediterranean Sea. *Nat Commun* 16, 998 (2025).

mal-liġijiet u l-politiki rilevanti. Dan huwa wkoll wieħed mis-suġġetti li għandu jiġu indirizzati fl-Istrateġija Portwarja tal-UE mħabbra mill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, ġestjoni sostenibbli u integrata tal-passaġġi fuq l-ilma interni tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-reżiljenza tal-ilma, billi tkun adattata aħjar għan-nixfiet u għall-għargħar, filwaqt li żżomm il-konnettività tar-rotot tan-navigazzjoni.

Il-ħżin tal-ilma f'ġibjuni u fi strutturi oħra magħmulin mill-bniedem jirrikjedi attenzjoni partikolari u ppjanar u koordinazzjoni bir-reqqa peress li ħafna setturi ekonomiċi jeħtieġu provvista stabbli tal-ilma u ħafna drabi jkollhom ħtiġijiet differenti matul is-sena²⁶. L-azzjoni dwar il-ġestjoni tal-ilma għandha tagħti prijorità lis-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, iżda jeħtieġ ukoll li tibbaża fuq strutturi magħmulin mill-bniedem jew kombinazzjoni tat-tnejn. L-ippjanar ta' digi u ġibjuni ġodda għandu jevalwa bir-reqqa l-impatti ambjentali tagħhom, billi jinvolvi lill-atturi rilevanti kollha, u jiżgura li dawn l-azzjonijiet ikunu parti minn strateġija integrata u sostenibbli għall-ġestjoni tal-ilma, li tirrifletti bis-sħiħ ix-xenarji u l-projezzjonijiet ta' referenza klimatiċi fit-tul, biex jiġu evitati investimenti mhux rekuperabbli.

Il-kwalità u l-kwantità tal-ilma huma żewġ naħat tal-istess munita, u rridu nkomplu naħdmu biex nipprevjenu t-tniġġis fis-sors. Fl-2021, 39,5 % biss tal-ilmijiet tal-wieċ tal-UE kellhom status ekoloġiku tajjeb, u 26,8 % biss kellhom status kimiku tajjeb²⁷. L-azzjoni trid tissaħħaħ u tiffoka fuq il-prevenzjoni tal-użu u l-ġestjoni mhux sostenibbli tal-art kif ukoll fuq il-bidliet idromorfoloġiċi, il-ġestjoni strutturali ħażina tal-ilma minħabba astrazzjoni żejda kemm legali kif ukoll illegali, l-inefficijenzi fl-użu tal-ilma fis-setturi kollha, u t-tniġġis tal-ilma marbut ma' attivitajiet bħall-agrikoltura, il-produzzjoni industrijali, l-estrazzjoni minerarja u l-ġestjoni tal-iskart.

It-tniġġis tal-ilma għandu impatt dirett fuq is-saħħa. Dan jista' jwassal għal mard li jittieħed mill-ilma u jaggrava r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet l-importanza tat-traċċar tal-patoġeni u tal-parametri tas-saħħa fl-ilma mormi skont approċċ "Saħħa Waħda", peress li s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ambjent huma interkonnessi mill-qrib.²⁸ Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-bini tal-kapaċità u l-iżvilupp tal-infrastruttura dwar is-sorveljanza tal-ilma mormi, b'mod partikolari minħabba li t-tidbil fil-klima qed jaggrava r-riskji għas-saħħa tal-mard relatat mal-ilma²⁹.

Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jiġu indirizzati s-sustanzi niġġiesa li joħlqu riskju għas-sorsi vitali tagħna tal-ilma tax-xorb. Sustanzi niġġiesa persistenti ħafna, bħas-sustanzi perfluoroalkilati u polifluoroalkilati (PFAS, per- and polyfluoroalkyl substances)³⁰, ikomplu jakkumulaw fl-ilmijiet tal-UE u jikkawżaw impatti fuq is-saħħa stmati li jvarjaw bejn EUR 52 biljun u EUR 84 biljun fis-sena³¹. Dan huwa wkoll sors ewlieni ta' tħassib pubbliku. It-tniġġis tal-ilma u t-tniġġis marin, inkluż mill-mikroplastik, irid jiġi indirizzat fis-sors jew tul il-moġhdijiet f'konformità

²⁶ Strateġija Komuni ta' Implimentazzjoni (CIS, Common Implementation Strategy) skont il-Gwida Nru 24 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma rigward il-Ġestjoni tal-Baċini tax-Xmajjar fi Klima li Qed Tinbidel, disponibbli [hawnhekk](#).

²⁷ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u tad-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE) (It-tielet pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara It-tieni pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar), COM(2025) 2 final.

²⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2023/C 220/01 dwar it-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR, antimicrobial resistance); il-pakkett farmaċewtiku; u, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban riformulata ((UE) 2024/3019).

²⁹ L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA, European Environment Agency), rapport 3/2024 bit-titolu *Responding to climate change impacts on human health in Europe: focus on floods, droughts and water quality*, 2024.

³⁰ Sustanzi per- u polifluoroalkilati.

³¹ [Kunsill Nordiku tal-Ministri, data tal-2019.](#)

mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero³². Barra minn hekk, l-UE trid tagħmel sforzi deċiżivi biex tnaddaf is-siti li diġà huma mniġġsa b'dawn is-sustanzi, u sustanzi oħra li jinsabu kullimkien, persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi, b'mod partikolari fejn tali sustanzi għadhom indispensabbli għas-soċjetà u għall-applikazzjonijiet industrijali. It-tindif għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, bi flus pubbliċi allokatu għat-tindif ta' siti orfni, fejn ma tkun tista' tinstab l-ebda entità responsabbli. Filwaqt li l-isforzi ta' rimedju jiswew ħafna flus,³³ ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti dawn il-kostijiet permezz ta' teknoloġiji ġodda, inklużi dawk ibbażati fuq il-bijoloġija, li se jiġu promossi fl-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija. Barra minn hekk, jekk jinstabu sħab li jkunu lesti li jinvestu flimkien mal-UE, il-Kummissjoni se tressaq proposta biex tistabbilixxi inizzjattiva pubblika-privata biex jinkiseb avvanz teknoloġiku f'metodi fattibbli u affordabbli għas-sejbien u r-rimedju tal-PFAS u kimiċi sustanzi persistenti oħra.

Il-limitazzjoni tat-tniġġis tal-ekosistemi akkwatiċi min-nutrijenti għandha titqiegħed fiċ-ċentru tar-restawr tal-kwalità tal-ilma. In-nutrijenti mill-agrikoltura, mill-insedjamenti urbani u minn sorsi oħra jħallu impatt fuq is-saħħa tal-bniedem, u jikkawżaw proliferazzjoni tal-algi u tnaqqis tal-ossiġenu li huma letali għall-ekosistemi akkwatiċi. Din tibqa' sfida ewlenija u tikkawża telf soċjoekonomiku stmat ta' bejn EUR 75 biljun u EUR 485 biljun fis-sena fir-rigward tan-nitroġenu waħdu³⁴. Dawn il-kostijiet jitolbu azzjoni aċċellerata mis-sors sal-baħar, inkluża implimentazzjoni mtejbja tad-Direttiva dwar in-Nitrati fl-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni se tassisti lill-Istati Membri fil-valutazzjoni tat-tnaqqis imfassal apposta tat-tagħbija ta' nutrijenti li huwa meħtieġ, inkluż permezz ta' mmudellar imtejjeb, mapep interattivi u skambji tal-aħjar prattiki. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa għestjoni mtejbja u integrata tan-nutrijenti permezz ta' fora differenti eżistenti, tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' faċilitajiet għall-ħżin tad-demel u tippromwovi ċ-ċirkolarità tan-nutrijenti li tista' tgħin biex jitnaqqas l-użu ta' fertilizzanti sintetiċi. F'sinerġija mal-fluss ta' ħidma għall-bhejjem imħabbar fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, dawn l-azzjonijiet se jikkumplimentaw l-iżvilupp ta' viżjoni fit-tul li tirrispetta d-diversità tal-produzzjoni tal-bhejjem fl-UE filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tagħha. Hija se ssaħħaħ ukoll l-isforzi biex titħeġġeġ l-estensifikazzjoni tal-biedja f'reġjuni b'konċentrazzjoni għolja ta' bhejjem.

Azzjonijiet ewlenin – Ir-restawr u l-protezzjoni taċ-ċiklu tal-ilma	Skeda ta' żmien
L-istabbiliment, inkluż permezz ta' djalogi strutturati mal-Istati Membri, tal-prijoritajiet ta' implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar, b'enfasi fuq il-kwalità u l-kwantità tal-ilma.	2025–2026
Ir-reviżjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.	2027

³² L-azzjonijiet dwar ir-rimedju tal-PFAS stabbiliti f'din l-Istrateġija jikkumplimentaw l-isforzi tal-Kummissjoni biex tindirizza l-emissjonijiet tal-PFAS fis-sors skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi REACH. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnutat li sa tmiem l-2025, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tadotta restrizzjoni fuq il-PFAS kollha fil-fowms tat-tifi tan-nar, wieħed mis-sorsi ewlenin tal-emissjonijiet.

³³ Il-kost ekonomiku tat-tindif tal-kontaminazzjoni tal-PFAS fl-Ewropa ġie stmat li jvarja minn EUR 5 biljun sa EUR 100 biljun fis-sena, bis-settur tal-ilma waħdu jiffaċċja żieda sa EUR 18-il biljun fis-sena għat-trattament tal-ilma tax-xorb, filwaqt li huwa stmat li l-kost għat-trattament tal-ilma mormi u għall-ġestjoni tal-ħama tad-drenaġġ huwa saħansitra ogħla. Dan il-kost ġie stmat mill-Forever Lobbying Project; aktar informazzjoni hija disponibbli fuq <https://foreverpollution.eu/lobbying/>

³⁴ Van Grinsven et al, Costs and Benefits of Nitrogen for Europe and Implications for Mitigation, 2013. L-emissjonijiet tan-nitroġenu u l-kostijiet tal-ħsara jinkludu l-emissjonijiet mis-setturi kollha għall-ilmijiet tal-wiċċ, għall-ilmijiet ta' taħt l-art u għall-ilmijiet marini u għall-arja.

L-iżvilupp ta' indikaturi tal-iskarsezza tal-ilma u Gwida Teknika dwar il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tan-Nixfa.	2026–2027
Appoġġ għall-indirizzar tas-sorsi ewlenin tat-tniġġis: <ul style="list-style-type: none"> • Inizjattiva pubblika-privata biex jinkiseb avvanz teknoloġiku f'metodi fattibbli u affordabbli għas-sejbien u r-rimedju tal-PFAS u sustanzi kimiċi persistenti oħra, jekk jinstabu s-sħab it-tajba. • Tnedija ta' Sett ta' Għodod ta' Assistenza biex l-Istati Membri jappoġġaw azzjonijiet ħalli jitnaqqas it-tniġġis min-nutrijenti, inkluż permezz ta' mmudellar imtejjeb, mapep interattivi u skambji tal-aħjar prattiċi. 	2027 2026–2027

2.2 Il-bini ta' ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, tappoġġa l-kompetittività tal-UE u tattira lill-investituri

L-ilma huwa riżorsa finita li trid tintuża b'mod effiċjenti. Irridu nnaqqsu d-domanda fis-setturi kollha tal-ekonomija, billi nipromwovu l-iffrankar, l-effiċjenza u l-użu mill-ġdid tal-ilma. Quddiem iż-żieda fl-iskarsezza tal-ilma u n-nixfiet, dan huwa essenzjali biex tkompli tiġi żgurata l-provvista tal-ilma, jiġu ssodisfati t-talbiet minn utenti differenti b'mod ġust u jiġu appoġġati l-ekosistemi akkwatiċi u terrestri. Dan huwa partikolarment importanti f'reġjuni b'postijiet komuni akuti ta' sfruttament żejjed, fejn l-iskarsezza tal-ilma qed issir sistemika u restrizzjoni sinifikanti għall-iżvilupp ekonomiku, inklużi xi komunitajiet remoti u tal-gżejjer fejn id-disponibbiltà tal-ilma ħelu hija limitata. B'aktar tibdil fil-klima, ir-reġjuni milquta mill-iskarsezza tal-ilma se jiżdienu sostanzjalment³⁵. L-effiċjenza trid tiffoka b'mod partikolari fuq l-utenti l-aktar intensivi tal-ilma, kemm attwali kif ukoll futuri, li għandhom ukoll l-akbar interess li jevitaw astrazzjoni eċċessiva li twassal għal interruzzjoni possibbli tal-provvista.

L-effiċjenza idrika hija kruċjali u trid tiġi l-ewwel. Din l-Istrateġija hija akkumpanjata minn Rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza idrika tiġi l-ewwel", ispirata mill-esperjenza bil-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel"³⁶. Hija tistabbilixxi prinċipji gwida għat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-investimenti, ibbażati fuq prijoritizzazzjoni ċara u prevedibbli, madankollu flessibbli, fil-mod kif jiġu ġestiti d-domanda u l-provvista tal-ilma. Madwar l-UE, il-prijorità għandha tkun li jittrażnu d-domanda u l-astrazzjonijiet żejda. Din għandha tkun segwita mill-effiċjenza sa mid-disinn u l-użu mill-ġdid, filwaqt li żieda fil-provvista għandha tkun l-aħħar alternattiva possibbli.

Biex tiggwida l-azzjoni dwar l-effiċjenza idrika madwar l-UE, fid-dawl tal-potenzjal għall-iffrankar tal-ilma³⁷, l-UE għandha timmira li ttejjeb l-effiċjenza idrika b'mill-anqas 10 % sal-2030. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex tiżviluppa metodoloġija konġunta għall-miri tal-effiċjenza idrika, filwaqt li tqis id-differenzi territorjali u differenzi oħrajn bejn il-pajjiżi, ir-reġjuni u s-setturi. Fuq dik il-bażi, fir-rieżami ta' din l-istrateġija fl-2027, il-Kummissjoni beħsiebha tiżviluppa parametri referenzjarji komuni. Xi Stati Membri diġà stabbilew miri speċifiċi biex itejbu l-effiċjenza idrika fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-baċin tax-

³⁵ EEA, Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA, European Climate Risk Assessment), 2024. Ara b'mod speċjali l-kapitolu 5 "Water security" għal informazzjoni dettaljata dwar l-iskarsezza tal-ilma.

³⁶ https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-efficiency/energy-efficiency-targets-directive-and-rules/energy-efficiency-first-principle_en

³⁷ *Water savings for a water resilient Europe*, EEA 2025, dalwaqt se tiġi ppubblikata.

xmara³⁸. L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu l-miri tagħhom għall-effiċjenza idrika, abbażi taċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom.

Ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma teħtieġ kontroll aħjar tar-riżorsi. Abbażi ta' data tal-perjodu 2010–2021³⁹, 81 % tal-konsum totali tal-ilma jmur għand utenti li jisiltu l-ilma direttament mis-sors bl-użu ta' sistemi privati, u ħafna Stati Membri ma għandhomx data akkurata dwar id-disponibbiltà tagħhom tal-ilma heġu. F'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, l-awtoritajiet iridu jwettqu valutazzjonijiet aġġornati tad-disponibbiltà tal-ilma u l-estrazzjonijiet mill-utenti tal-ilma u jżidu l-isforzi tagħhom biex jirreġistraw u jikkontrollaw l-estrazzjonijiet, it-telf u r-ritorn kollha. L-użu ta' kejl intelliġenti tal-ilma fis-setturi ekonomiċi kollha se jgħin biex jinkiseb monitoraġġ rigoruż tal-flussi tal-ilma u se jgħin ukoll liċ-ċittadini u lin-negozji jiġġestixxu l-użu tal-ilma tagħhom b'mod aktar effiċjenti. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-bilanċi tal-ilma u l-kejl intelliġenti tal-ilma fis-setturi ekonomiċi kollha. Hija se taħdem ukoll għat-tnedija ta' inizjattiva tal-UE dwar Infrastruttura tal-Ilma u Kejl Intelliġenti għal Kulħadd (ara t-taqsima 3.3). Barra minn hekk, sa tmiem l-2026, hija se tivvaluta l-kwalità tad-data disponibbli dwar l-ilma u, fejn ikun xieraq, se tirrevedi l-leġiżlazzjoni rilevanti biex tintroduċi moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali għall-kontijiet tal-ilma⁴⁰.

Trid tingħata attenzjoni partikolari lill-valutazzjoni u, kull fejn ikun possibbli, lil-limitazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ilma li ġġib magħha t-trasformazzjoni nadifa, industrijali u diġitali u biex din tiġi appoġġata permezz ta' ppjanar intelliġenti tal-ilma. Setturi ewlenin għall-awtonomija strateġika tal-UE bħall-produzzjoni tal-batteriji, is-semikondutturi, l-idroġenu, il-mikroċipep u ċ-ċentri tad-data jikkunsmaw volumi kbar ta' ilma ħafna drabi estremament pur⁴¹. Fl-istess ħin, l-avvanz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE tagħna se jgħinu biex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-ilma⁴². F'dan il-kuntest, l-iffrankar fl-ilma u fl-enerġija, li ġeneralment imorru id f'id, irid jiġi massimizzat, u r-reżiljenza tal-ilma trid tirċievi attenzjoni partikolari fl-ippjanar spazjali. B'mod partikolari, biex tippromwovi l-iffrankar tal-ilma fiċ-ċentri tad-data, il-Kummissjoni se tikklassifika l-effiċjenza enerġetika u s-sostenibbiltà kumplessiva tagħhom u se tippromovi standards minimi ta' prestazzjoni, inkluż għall-konsum tal-ilma⁴³. Biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni tal-aħjar żoni għall-istabbiliment ta' operazzjonijiet kummerċjali intensivi fl-użu tal-ilma u biex jattiraw l-investment meħtieġ fl-ilma, il-Kummissjoni se ttejjeb l-għodod ta' viżwalizzazzjoni eżistenti billi tiġbor flimkien id-data ambjentali u d-data relatata mal-grilji tal-ilma u tal-enerġija.

L-użu mill-ġdid sikur tal-ilma fl-agrikoltura, fil-produzzjoni tal-enerġija u fil-proċessi industrijali jrid ikun fil-qalba tal-ġestjoni integrata tal-ilma. Bħalissa, 2,4 % biss tal-ilma mormi jerġa' jintuża fl-UE, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri, li jvarjaw minn zero sa 80 %⁴⁴. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' gwida dwar l-użu mill-ġdid sikur tal-ilma, kif ukoll permezz tal-bini tal-kapaċità fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti⁴⁵. Sa

³⁸ Pereżempju, Franza stabbiliet mira li tnaqqas l-estrazzjoni tal-ilma b'10 % sal-2030.

³⁹ Water Europe (2024), *Socio-economic study on the value of the EU investing in water*.

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/3024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali.

⁴¹ Water Europe (2024), *Socio-economic study on the value of the EU investing in water*.

⁴² L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE), *Clean energy can help to ease the water crisis*, it-22 ta' Marzu 2023.

⁴³ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2023/1791 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni).

⁴⁴ Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni: valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja d-dokument bit-titolu "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiziti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma", SWD(2018) 249 final.

⁴⁵ Ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, id-Direttiva riveduta dwar l-Emissjonijiet Industrijali u d-Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban.

Ġunju 2028, il-Kummissjoni se tkun evalwat ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma, u sussegwentement se tikkunsidra li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu sakemm joħorġu r-riżultati tal-evalwazzjoni.

Għall-provvista pubblika tal-ilma, li tikkorrispondi għal 13 % tal-konsum tal-ilma fl-UE, l-enfasi trid tkun fuq il-ġlieda kontra t-tnixxijiet u t-telf mhux intenzjonat, appoġġata minn għodod diġitali. Hekk kif il-livelli nazzjonali attwali ta' tnixxija jvarjaw minn 8 % għal 57 %, il-potenzjal għal titjib huwa sinifikanti, speċjalment permezz ta' kejl intelliġenti tal-ilma u telerilevament. Id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb tirrikjedi li l-Istati Membri jnaqqsu t-tnixxijiet fin-networks tal-provvista tal-ilma. L-Istati Membri b'livelli ta' tnixxija fil-provvista tal-ilma li jaqsbu l-limitu tal-UE — li għandu jiġi stabbilit sal-2028 — se jkollhom jippreżentaw, sal-2030, pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex inaqqsu t-tnixxijiet fin-networks tal-provvista tagħhom.

Is-sistemi tal-ikel sostenibbli huma alleat ewlieni għar-reżiljenza tal-ilma u l-Politika Agrikola Komuni għandha rwol kruċjali x'taqdi. L-agrikoltura sostenibbli u l-ġestjoni tal-foresti jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex tiżdied ir-reżiljenza tal-ilma u tal-klima, billi jiġu mitigati n-nixfiet u l-għargħar (it-Taqsima 2.1). Min-naħa l-oħra, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-bejgħ bl-imnut, l-imballaġġ u t-trasport tal-ikel għandhom impatt kbir fuq il-kwalità u l-kwantità tal-ilma. L-agrikoltura hija responsabbli għal 51 % tal-konsum totali tal-ilma fl-UE, b'differenzi sinifikanti haġna bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Ewropa⁴⁶. Il-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel enfasizzat l-importanza tal-kwalità u tad-disponibbiltà tal-ilma għas-sigurtà tal-ikel. Barra minn hekk, is-sajd u l-marikultura sostenibbli għandhom jiġu appoġġati ulterjorment peress li jiġu prodotti mingħajr l-użu tal-ilma ħelu.

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali jipprovdu appoġġ għal prattiki u investimenti agrikoli li jtejbu l-effiċjenza idrika, iċ-ċirkolarità u jtejbu ż-żamma tal-ilma, filwaqt li jrażżnu t-tniġġis min-nutrijenti u mill-pestiċidi. Dan jinkludi wkoll appoġġ għall-biedja peress li din toffri bosta benefiċċji relatati mas-saħħa tal-ħamrija u tillimita l-użu ta' fertilizzanti artiċijali, erbiċidi u pestiċidi. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri jagħmlu użu massimu minn dawn il-possibbiltajiet u jippromwovu prattiki agrikoli reżiljenti fil-qasam tal-ilma, bħall-biedja ta' preċiżjoni, it-tisqija bil-qatra, l-użu mill-ġdid tal-ilma, it-titjib fil-ġestjoni tal-ħamrija u fl-użu tal-pestiċidi, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ u ghelejje aktar reżistenti għall-klima. Fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, il-Kummissjoni se tkompli tinċentiva lill-bdiewa biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-azjendi tagħhom, inkluż għal ġestjoni aħjar tal-ilma.

Il-produzzjoni tal-enerġija effiċjenti fl-użu tal-ilma tista' tikkontribwixxi sew għar-reżiljenza tal-ilma. 17 % tal-konsum totali tal-ilma tal-UE jintuża bħala materja prima jew aġent tat-tkessiħ⁴⁷. Jekk jinstabu s-sħab it-tajba li jkunu lesti li jinvestu flimkien mal-UE, il-Kummissjoni se tressaq proposta biex tistabbilixxi inizjattiva pubblika-privata biex jinkiseb avvanz teknoloġiku f'metodi fattibbli u affordabbli għat-tkessiħ fin-niexef.

Ir-reżiljenza tal-ilma għandha tiġi integrata fis-setturi industrijali kollha. Id-Direttiva riveduta dwar l-Emissjonijiet Industrijali se tiżgura li l-atturi industrijali l-kbar progressivament inaqqsu d-domanda għall-ilma, itejbu l-effiċjenza idrika u jtejbu l-użu mill-ġdid tal-ilma fil-proċessi kollha tal-produzzjoni. L-effiċjenza idrika u l-użu mill-ġdid tal-ilma għandhom jiġu integrati fis-setturi industrijali l-aktar intensivi fl-użu ilma, b'mod partikolari permezz tal-pjattaformi ta' appoġġ għall-

⁴⁶ EEA (2024), *Europe's state of water 2024*. Rapport tal-EEA 7/2024, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. <https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/europes-state-of-water-2024>

⁴⁷ EEA (2024), *Europe's state of water 2024*. <https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/europes-state-of-water-2024>

partijiet ikkonċernati disponibbli⁴⁸. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tnedi proġett pilota biex tippromwovi l-effiċjenza idrika f'raggruppamenti industrijali magħżula.

Iż-żieda fil-provvista bl-użu tal-ilma baħar biex jissostitwixxi l-ilma ħelu tista' tkun parti mis-soluzzjoni, b'mod partikolari f'reġjuni affettwati b'mod sever mill-iskarsezza tal-ilma, jekk din issir b'mod sostenibbli. Bħala parti minn approċċ ta' ġestjoni integrata, li jagħti prijorità lit-tnaqqis tad-domanda fuq iż-żieda fil-provvista abbażi tal-kundizzjonijiet lokali, id-desalinizzazzjoni tal-ilma baħar tista' tipprovdi provvista stabbli tal-ilma lil hinn miċ-ċiklu idroloġiku. Madankollu, din għadha tiswa ħafna flus, għandha intensità enerġetika kbira ħafna u tinvolvi impatti ambjentali sinifikanti. Għalhekk, il-Kummissjoni se tappoġġa l-innovazzjoni f'dan il-qasam bil-għan li tillimita l-konsum tal-enerġija u tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, b'mod partikolari billi tippromwovi l-użu ta' enerġiji rinnovabbli. Soluzzjonijiet innovattivi għandhom ukoll itaffu l-impatti ambjentali tar-rimi tas-salmura u jżidu r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-enerġija u tal-minerali mis-salmura fis-settur tal-industrija.

Azzjonijiet ewlenin – Il-bini ta' ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, tappoġġa l-kompetittività tal-UE u tattira lill-investituri	Skeda ta' żmien
Rakkomandazzjoni dwar il-prinċipju "l-effiċjenza idrika tiġi l-ewwel", linji gwida u rapport tal-EEA dwar il-potenzjal mhux sfruttat tal-effiċjenza idrika.	2025–2026
Appoġġ għall-adozzjoni ta' prattiki tal-użu mill-ġdid tal-ilma anke lil hinn mill-agrikoltura u rieżami tar-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma.	2026–2028
Provvista pubblika tal-ilma: <ul style="list-style-type: none"> • Appoġġ għat-tnaqqis tat-tnixxijiet u għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u valutazzjoni profonda tad-data. 	2025–2028
Agrikoltura: <ul style="list-style-type: none"> • Massimizzazzjoni tal-użu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għar-reżiljenza tal-ilma permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi promossi min-network tal-PAK tal-UE, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikoli (EIP-AGRI, European innovation partnership for agricultural productivity and sustainability), kif ukoll servizzi ta' konsulenza mtejba u indipendenti għall-azjendi agrikoli. • Fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, ikomplu jingħataw inċentivi lill-bdiewa biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-azjendi tagħhom, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni aħjar tal-ilma. 	2025–2026
Industrija u Enerġija: <ul style="list-style-type: none"> • It-tnedija ta' proġett pilota għall-promozzjoni tal-effiċjenza idrika, inklużi teknoloġiji mingħajr ilma u ta' ċiklu tal-ilma magħluq, f'raggruppamenti industrijali magħżula. • L-inklużjoni tal-użu tal-ilma fost il-parametri ta' skema komuni tal-Unjoni biex tiġi kklassifikata s-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data u jiġu proposti standards minimi ta' prestazzjoni tal-konsum tal-ilma. • Inizjattiva pubblika-privata biex jinkiseb avvanz teknoloġiku f'metodi fattibbli u affordabbli għat-tkessiħ fin-niexef, jekk jinstabu s-sħab it-tajba. 	2025–2027

⁴⁸ Pereżempju, il-pjattaforma attwali ta' appoġġ għall-partijiet ikkonċernati tal-perkorsi ta' tranżizzjoni.

2.3 L-iżgurar ta' ilma nadif u affordabbli għal kulħadd, l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi u lil utenti oħra

L-aċċess għal ilma tax-xorb sikur u nadif u għas-sanità huwa dritt tal-bniedem. Tliet deċennji ta' żvilupp u implimentazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-ilma, inklużi d-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb u d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban, flimkien ma' investment sinifikanti tal-UE, ġeneralment assigurat aċċess għall-ilma tax-xorb sikur u għas-sanità madwar l-UE f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁴⁹. Madankollu, 1,5 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix mingħajr faċilitajiet sanitarji bażiċi, u madwar 4 % tagħha ma għandhiex aċċess xieraq għal ilma tax-xorb sikur. L-azzjonijiet f'dan il-qasam iridu jiżguraw sforzi inklużivi u ekwi li jindirizzaw il-bżonnijiet tan-nisa u l-gruppi vulnerabbli, bħal persuni b'diżabilità u minoranzi, kif ukoll ir-reġjuni l-inqas sinjuri tal-UE biex jippromwovu l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi. Għal dawn tal-aħħar, huma ta' importanza partikolari l-isfidi klimatiċi speċifiċi li jiffaċċjaw flimkien ma' infrastruttura tal-ilma inadegwata, li taffettwa direttament l-aċċess għall-ilma tax-xorb. L-appoġġ ta' sistemi ta' filtrazzjoni tal-ilma f'żoni b' ilma iebes jew iebes ħafna huwa aspett rilevanti ieħor.

Il-konsumaturi għandhom rwol essenzjali fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ilma. Minbarra l-Ekotikketta tal-UE stabbilita sewwa, ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR, Ecodesign for Sustainable Product Regulation)⁵⁰ se jgħin lill-konsumaturi jnaqqsu l-konsum tal-ilma billi jagħżlu prodotti li jniġġsu anqas u li huma aktar effiċjenti fl-użu tal-ilma. Dan għandu jċaqlaq id-domanda lejn prodotti intelliġenti fl-użu tal-ilma, b'hekk jagħti spinta lill-kompetittività nadifa u ċirkolari tal-UE. Qed jitfaċċaw inizjattivi privati ġodda, bħat-Tikketta Unifikata tal-Ilma, biex jivvalutaw l-effiċjenza idrika tal-prodotti.

Fir-rigward tal-użu tal-ilma fid-djar u fl-ippjanar tal-ibliet, l-iffrankar tal-enerġija u l-iffrankar tal-ilma għandhom dejjem jimxu id f'id. Id-Direttiva l-ġdida dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija⁵¹, li tappoġġa l-effiċjenza enerġetika inkluż l-effiċjenza fil-miżkun bħala wieħed mill-oġġettivi tagħha, u l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida jipprovdu opportunitajiet sinifikanti biex tingħata spinta lill-isforzi biex ikun hemm reżiljenza tal-ilma fl-ambjent mibni kollu, filwaqt li jsaħħu l-involviment tal-utenti u taċ-ċittadini u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fejn jidhru l-ippjanar u l-kunċetti għar-reżiljenza tal-ilma. Dan se jkun rifless fil-programm ta' ħidma li jmiss 2026–2027 tal-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, u fil-Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss, li se jikkunsidra wkoll is-sostenibbiltà tal-akkomodazzjoni, inkluża r-reżiljenza fl-ilma.

Trid issir aktar enfasi fuq is-sensibilizzazzjoni u l-involviment tal-pubbliku fil-ġestjoni tal-ilma. Sensibilizzazzjoni aktar b'saħħitha tista' tiġi appoġġata minn għodod diġitali u hija kruċjali biex tiżdied ir-rieda taċ-ċittadini li jiffrankaw l-ilma, iżda wkoll biex jitnaqqas l-esponiment tagħhom għar-riskji minn għargħar jew nixfiet (ara t-taqsim 3). L-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti ta' informazzjoni pubblika u trasparenza se jgħin biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u r-rieda taċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom bħala parti minn governanza inklużiva tal-ilma. Il-Kummissjoni se tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki fis-sensibilizzazzjoni u fit-tagħmir tas-soċjetà biex tkun

⁴⁹ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/economy-works-people/jobs-growth-and-investment/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles_en

⁵⁰ Il-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u t-Tikkettar tal-Enerġija 2025–2030, adottat reċentement, jinkludi t-tessuti/l-ilbies, il-ħadid u l-azzar u l-aluminju bħala prodotti li għalihom se jiġu żviluppanti rekwiżiti ġodda, kif ukoll għadd ta' prodotti relatati mal-enerġija rilevanti għall-ilma bħall-magni tal-ħasil tal-platti u l-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ li għalihom se jkunu disponibbli r-rekwiżit tal-ekodisinn u/jew it-tikketti tal-enerġija.

⁵¹ Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jħejju pjanijiet lokali għat-tisħin u t-tkessiħ tal-anqas fil-muniċipalitajiet li għandhom aktar minn 45 000 abitant.

involuta b’mod aktar effettiv fil-ġestjoni tal-ilma u fil-Pjanijiet ta’ Ġestjoni tar-Riskju tal-Baċini tax-Xmajjar u tal-Għargħar.

Il-politiki tal-ipprezzar tal-ilma abbażi tal-użu reali, l-impatt ambjentali u l-kapaċità li dak li jkun iħallas huma essenzjali biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ilma filwaqt li jinħolqu l-inċentivi korretti għall-konsumaturi u għal utenti oħra. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tinċentiva politiki nazzjonali sodi dwar l-ipprezzar tal-ilma, ibbażati fuq irkupru tal-kostijiet kondiviż b’mod ġust u l-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas. Id-Direttivi riveduti dwar l-Ilma tax-Xorb u l-Ilma Mormi Urban jiżguraw informazzjoni regolari u komprensiva dwar il-konsum u l-prezzijiet tal-ilma, u pariri dwar kif dan il-konsum jista’ jitnaqqas. L-iskambju tal-aħjar Prattiki se jgħin lill-Istati Membri jużaw dawn l-għodod bl-aktar mod effettiv.

Azzjonijiet ewlenin – L-iżgurar ta’ ilma nadif u affordabbli għal kulħadd, l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi u lil utenti oħra	Skeda ta’ żmien
L-indirizzar tal-impronta fuq l-ilma tal-prodotti meta jiġu stabbiliti jew aġġornati r-reqwiziti skont l-ESPR u l-Ekotikketta tal-UE.	2025–2027
Il-promozzjoni tal-aħjar Prattiki dwar is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u r-rwol tal-ipprezzar tal-ilma biex jiġu promossi l-effiċjenza idrika, l-irkupru tal-kostijiet u l-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas, u l-governanza nazzjonali relatata tal-ilma.	2026–2027
Iż-żieda fl-isforzi rigward ir-reżiljenza tal-ilma fl-ambjent mibni permezz tal-programm ta’ ħidma li jmiss 2026–2027 tal-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u fil-Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss.	2026

3. ĦAMES OQSMA ABILITANTI BIEX TITWITTA T-TRIQ GĦAL EWROPA REŻILJENTI FIL-QASAM TAL-ILMA

Biex jintlaħqu l-oġettivi deskritti fl-istrateġija, għandna bżonn approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha b’kooperazzjoni msaħħa bejn iċ-ċittadini, in-negozji, is-soċjetà ċivili u l-gruppi rappreżentattivi tan-natura u l-amministrazzjonijiet impenjati li jaħdmu fis-sajlos u fil-livelli tal-politika, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha. L-UE se tappoġġa dan b’azzjonijiet f’ħames oqsma.

3.1 Il-governanza u l-implimentazzjoni biex tingħata spinta lill-bidla

Il-kisba tar-reżiljenza tal-ilma se tiddependi fuq implimentazzjoni mtejbja tal-acquis komprensiv tal-UE dwar l-ilma, kif ukoll sinerġiji aktar b’saħħithom ma’ politiki f’setturi bħall-agrikoltura, l-industrija, l-enerġija, it-trasport u l-protezzjoni tal-konsumatur. Għal għexieren ta’ snin, ir-regolaturi aġixxew biex jiproteġu l-ilma kemm fil-politiki ambjentali kif ukoll f’dawk tas-saħħa tal-UE. Permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, diversi bċejjeċ ewlenin tal-leġiżlazzjoni ġew riveduti u modernizzati, u dan wassal għal ħafna progress. Madankollu, kif muri f’rapport reċenti tal-Kummissjoni⁵², il-lakuni fl-implimentazzjoni u fil-finanzjament sa issa xekklu b’mod konsiderevoli l-ilħuq tal-oġettivi tal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma. Pereżempju, fit-tħejjija tat-tielet Pjanijiet ta’ Mmaniġġjar tal-Baċini tax-Xmajjar u tat-tieni Pjanijiet ta’ Mmaniġġjar tar-Riskju ta’ Għargħar tagħhom, diversi Stati Membri naqsu milli jsegwu kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet tal-

⁵² Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u tad-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE) (It-tielet pjanijiet ta’ mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara It-tieni pjanijiet ta’ mmaniġġjar tar-riskju ta’ għargħar), COM(2025) 2 final.

Kummissjoni maħruġa fl-2019 u għadhom ma stabbilewx reġistri, kontrolli u, fejn xieraq, sanzjonijiet adegwati biex jevitaw l-estrazzjonijiet żejda.

Filwaqt li tibni fuq is-sejbiet tal-aħħar valutazzjoni tagħha tal-pjanijiet nazzjonali u fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha għall-UE kollha u speċifiċi għall-pajjiż, il-Kummissjoni se żżid l-infurzar. Hija se tniedi Djalogi Strutturati mal-Istati Membri biex taħdem b'mod konġunt lejn implimentazzjoni msaħħa tal-acquis usa' tal-UE dwar l-ilma. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jista' jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi relatati mal-ilma, inklużi dawk identifikati fis-Semestru Ewropew.

Is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-ilma tista' tikkontribwixxi b'mod importanti għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tevalwa regolarment biċċiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni, bħad-Direttiva dwar in-Nitrati, li bħalissa qed tiġi evalwata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-għan li tissimplifika u ttejjeb l-effiċjenza tar-rappurtar elettroniku skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, abbażi ta' studju li għaddej bħalissa. Ir-reviżjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina se twassal ukoll għal simplifikazzjoni sinifikanti. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/3019 dwar it-trattament tal-ilma mormi urban, il-Kummissjoni se twettaq studju aġġornat tal-kostijiet u l-impatti potenzjali tagħha fuq setturi kkonċernati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil pragmatiku tas-sistemi nazzjonali bil-għan li jiġu evitati konsegwenzi mhux mistennija jew mhux intenzjonati, b'mod partikolari għad-disponibbiltà u għall-affordabbiltà tal-medicini⁵³.

L-ippjanar spazjali intelliġenti fl-użu tal-ilma jrid jiggwida l-użu sostenibbli tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-Kummissjoni se ttejjeb l-għodod ta' viżwalizzazzjoni eżistenti billi tiġbor flimkien id-data ambjentali mad-data relatata mal-grilji tal-ilma u tal-enerġija. L-għan huwa li d-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar spazjali tal-Istati Membri jiġu infurmati billi dawn jiġu meġġuna jidentifikaw l-aħjar żoni għall-istabbiliment ta' operazzjonijiet kummerċjali intensivi fl-użu tal-ilma u fl-istess ħin jattiraw investituri biex iwettqu r-restawr tan-natura u l-modernizzazzjoni tan-networks tal-provvista tal-ilma biex jappoġġaw lil dawn in-negozji.

Il-kooperazzjoni transfruntiera trid ttejjeb aktar. L-Ewropa għandha 75 baċin tax-xmara transfruntier. Għalkemm id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tirrikjedi b'mod espliċitu li l-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni koordinata għall-baċini tax-xmajjar internazzjonali, hemm lok għal valutazzjoni aktar armonizzata tal-istatus tal-korpi tal-ilma, konsistenza mtejba bejn il-miżuri meħuda mill-pajjiżi upstream u downstream, inkluż ma' pajjiżi sħab riparji mhux tal-UE, u enfasi akbar fuq il-ġestjoni tal-kwantità tal-ilma. Il-Kummissjoni se tappoġġa inizzjattivi bejn il-pari, biex titrawwem kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet, ir-reġjuni u l-ibliet tal-baċini tax-Xmajjar u tal-Baħar, permezz ta' programmi u inizzjattivi tal-UE bħal Orizzont Ewropa, is-Sħubija Tematika tal-Aġenda Urbana għall-Unjoni Ewropea (UAEU, urban Aġenda for the European Union) dwar "Belt Sensittiva għall-Ilma" u l-Komunità ta' Prattika "Koeżjoni għat-Tranżizzjonijiet"⁵⁴. Dan se jiżgura l-involvement importanti tal-livelli reġjonali u lokali, kif muri mill-inizzjattivi fl-ambitu tal-programmi Interreg.

Azzjonijiet ewlenin – Il-governanza u l-implimentazzjoni biex tingħata spinta lill-bidla	Skeda ta' żmien
---	------------------------

⁵³ Kif mitlub ukoll mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma (2024/2104(INI)).

⁵⁴ https://ec.europa.eu/regional_policy/policy/communities-and-networks/cohesion-4-transition_en

Iż-żieda tal-infurzar u t-tnedija ta' djalogi strutturati mal-Istati Membri kollha biex titħaffef u tiżdied l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-ilma, abbażi ta' prijoritajiet ewlenin ta' infurzar li joħorġu mill-aħħar valutazzjoni tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċini tax-Xmajjar u tar-Riskju ta' Għargħar.	2025–2026
Fl-ambitu tal-Komunità ta' Prattika “Koeżjoni għat-Tranżizzjonijiet”, jiġu organizzati skambji regolari mar-reġjuni, l-ibliet u l-awtoritajiet tal-ilma, biex jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-“pajsaġġi sponża”, kif ukoll il-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma, identifikati fl-ambitu tal-Interreg.	2025–2027
It-tnedija ta' viżwalizzatur li jintegra d-data ambjentali mad-data relatata mal-grilji tal-ilma u tal-enerġija biex jgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom fir-rigward tal-ippjanar spazjali ħalli jidentifikaw l-aħjar żoni għal-lokalizzazzjoni ta' operazzjonijiet kummerċjali intensivi fl-użu tal-ilma li tkun ta' benefiċċju għal kulħadd.	2027

3.2 Finanzjament, investimenti u infrastruttura biex tinkiseb provvista stabbli

Mingħajr investimenti pubbliċi u privati addizzjonali sinifikanti fl-istadji kollha tal-ġestjoni tal-ilma, il-progress fir-rigward tar-reżiljenza tal-ilma se jkun bil-mod wisq jew ma jkollux impatt sinifikanti. L-investment kapitali annwali attwali għall-miżuri tal-ilma (mill-UE, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-baġits nazzjonali) jitla' għal madwar EUR 55 biljun (fi prezzijiet tal-2022), li jissuġġerixxi diskrepanza annwali fl-investment ta' madwar EUR 23 biljun fis-sena (0,1 % tal-PDG tal-UE) biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-ilma⁵⁵. Dan jinkludi l-investment biex ix-xita tinbidel f'ilma aħdar (maħżun f'ekosistemi terrestri) permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u l-ilma griż (użat f'insedjamenti urbani jew fi proċessi industrijali) f'ilma blu (xmajjar u ibħra) biex jerġa' jsir tajjeb għan-natura. L-investimenti jridu jkopru l-istadji kollha tal-ġestjoni tal-ilma u jridu jkun ppjanati b'mod integrat, filwaqt li jitqiesu x-xenarji klimatiċi futuri u l-valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw. L-investment irid jappoġġa wkoll it-teknoloġiji ġodda tal-ilma. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-inċentivi previsti fil-pjattaforma BlueInvest f'settur blu u l-iżvilupp ta' teknoloġiji kritiċi relatati mal-ilma li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform). Fl-istess ħin, l-Istati Membri jeħtieġu jevitaw sussidji li, bħala effett sekondarju, jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent jew iwasslu għal użu ineffiċjenti tal-ilma.

Fir-rieżami reċenti ta' nofs it-terminu tal-politika ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni pproponiet pakkett eċċezzjonali ta' miżuri biex tħeġġeġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni jinvestu fir-reżiljenza tal-ilma. Dan il-pakkett jinkludi sa 100 % tal-finanzjament tal-UE u 30 % tal-prefinanzjament f'investimenti għar-reżiljenza tal-ilma pprogrammati fl-ambitu tal-prijorità ddedikata għal dan l-oġettiv speċifiku ġdid, kif ukoll diversi flessibiltajiet.

Xi Stati Membri jsibuha diffiċli jonfqu l-fondi tal-UE disponibbli minħabba nuqqas ta' kapacià amministrattiva u ostakli legali jew organizzazzjonali. Il-kapacià li jitwettqu investimenti għar-reżiljenza tal-ilma trid tittejjeb, speċifikament fir-reġjuni anqas żviluppati.

⁵⁵ DĠ Ambjent, Ħtiġijiet ta' investment ambjentali, finanzjament u lakuni fl-EU-27 – aġġornament 2024 (analiżi interna). Għandu jiġi nnotat li dan l-ammont huwa fil-biċċa l-kbira bbażat fuq il-provvista tal-ilma u l-ħtiġijiet tas-sanità, filwaqt li l-kostijiet għal miżuri oħra relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar jistgħu ma jiġux riflessi bis-sħiħ.

Flimkien mar-riformi tal-governanza tal-ilma fil-livell it-tajjeb, l-assistenza teknika tista' tgħin biex jiġi żgurat li l-flus disponibbli tal-UE jintużaw bl-aktar mod effettiv possibbli.

Il-fondi disponibbli tal-UE għandhom jintużaw malajr għal investimenti li għandhom l-għan li jnaqqsu t-tnixxijiet bl-użu ta' għodod diġitali, kejl intelliġenti, u teknoloġiji li jtejbu l-effiċjenza idrika. Dawn l-investimenti jeħtieġu ppjanar anqas kumpless minn proġetti kbar fil-qasam tal-ilma. Il-Kummissjoni se tiżviluppa gwida għall-Istati Membri għal proġetti (pilota) "plug and play" f'dawn l-oqsma biex tissimplifika u tirrazzjonalizza l-proċeduri.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss huwa opportunità biex tkompli tiġi appoġġata r-reżiljenza tal-ilma permezz ta' investiment u riformi. Fil-kuntest tal-ftehimiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali, l-Istati Membri jistgħu jindirizzaw oqsma bħall-governanza mtejba, il-valutazzjoni tar-riskju u t-tnejn għad-diżastri, iż-żieda fl-effiċjenza idrika u fl-użu mill-ġdid tal-ilma, it-tnaqqis tad-domanda prijoritizzat u l-kontrolli msaħħa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tteġġeg lill-Istati Membri biex jikkooperaw f'inizjattiva ta' Kurituri Ħodor u Blu biex jappoġġaw ir-restawr ta' ambjenti u infrastruttura ekoloġiċi inklużi x-xmajjar, l-artijiet mistagħdra u l-kosti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed ittejjeb il-kooperazzjoni tagħha mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) biex iżżid l-investimenti pubbliċi u privati fil-qasam tal-ilma, kemm fl-UE kif ukoll fil-livell dinji. Il-Grupp tal-BEI, li huwa l-akbar finanzjatur dinji fis-settur tal-ilma, żviluppa programm dwar l-ilma biex jappoġġa l-Istrateġija tal-Kummissjoni għar-Reżiljenza tal-Ilma b'aktar minn EUR 15-il biljun f'finanzjament ippjanat matul il-perjodu 2025–2027 għal proġetti li jtejbu l-aċċess għall-ilma, il-kontroll tat-tniġġis, ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur tal-ilma tal-UE, inkluż permezz ta' infrastrutturi kbar u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment se jingħaqdu flimkien biex jindirizzaw l-ostakli fl-użu tal-investimenti fl-ilma. Dan se jinkludi l-proposta ta' Faċilità ta' Konsulenza ġdida dwar l-Ilma Sostenibbli biex tiffinanzja l-assistenza teknika tal-BEI fil-bini tar-riżerva ta' proġetti kif ukoll biex jiġu kkwantifikati aħjar il-ħtiġijiet ta' finanzjament u l-opzjonijiet biex jiġi ffaċilitat l-investment fl-ilma.

L-investment privat jeħtieġ li jiżdied b'mod sinifikanti. Il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji tista' tingrana aktar finanzjament privat fir-reżiljenza tal-ilma permezz ta' approċċi ta' finanzjament imħallat, mudelli innovattivi bħall-Ilma bħala Servizz u ekosistemi strutturati għall-Bonds Ħodor u Blu. L-ippremjar ta' skemi tas-servizzi tal-ekosistema għandu l-potenzjal li jappoġġa wkoll il-ħolqien tas-swieq meħtieġa. Il-Kummissjoni se tadotta Pjan Direzzjonali għall-Krediti tan-Natura biex tisfrutta l-potenzjal ta' dawn l-istrumenti u tinċentiva l-espansjoni ta' dawn is-swieq. Barra minn hekk, il-qafas simplifikat tal-UE għall-finanzi sostenibbli u t-tneġġija tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti għandhom l-għan li jżidu l-opportunitajiet ta' finanzjament għan-negozji tal-UE, inkluż fis-settur tal-ilma.

It-tfixkil ikkawżat mill-klima qed isaħħaħ l-argument għall-vijabbiltà għall-investimenti fl-ilma, u approċċi innovattivi jistgħu jgħinu biex ikun disponibbli investiment privat sinifikanti. L-ilma qed jiġi rikonoxxut dejjem aktar bħala fattur finanzjarjament materjali għan-negozji, għall-investituri u għall-gvernijiet. Iżda hemm ostakli sinifikanti biex jiskattaw investimenti privati fl-ilma, li ħafna drabi jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib fost il-partijiet ikkonċernati differenti b'mod partikolari biex jingħelbu l-problemi tal-profitatturi. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi Aċċelleratur tal-Investment għar-Reżiljenza tal-Ilma biex timplimenta 20 każ pilota innovattiv għaż-żamma naturali tal-ilma u l-effiċjenza idrika, li jlaqqgħu flimkien l-investituri lokali fil-qasam tal-ilma, il-fornituri ta' soluzzjonijiet u dawk li qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi biex jispiraw azzjonijiet simili madwar l-UE kollha. Dan jista' jibni wkoll fuq in-networks tal-Laboratorji Ħajjin stabbiliti pereżempju fi Sħubijiet u Missjonijiet Ewropej. Sabiex tiġi indirizzata l-isfida dejjem tikber tal-assigurazzjoni tat-

telf ekonomiku kkawżat minn katastrofi naturali inklużi diżastri relatati mal-ilma fl-UE, il-Kummissjoni se tesplora soluzzjonijiet possibbli biex jitnaqqas id-diskrepanza fil-protezzjoni tal-assigurazzjoni, billi ssegwi l-proposti tal-BĊE u tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol.⁵⁶ L-inċentivi għal informazzjoni, ipprezzar u kontroll imtejba tal-ilma użat (ara t-taqsima 2.3) se jgħinu wkoll biex l-argument għall-vijabbiltà għall-investimenti fil-qasam tal-ilma jsir aktar attraenti, anke f'setturi li huma dipendenti ħafna fuq l-ilma u dejjem aktar vulnerabbli għall-iskarsezza tiegħu, bħall-agrikoltura, l-akkwakultura u l-enerġija.

Azzjonijiet ewlenin – Finanzjament, investimenti u infrastruttura biex tinkiseb provvista stabbli	Skeda ta' żmien
It-tnedija tal-Programm tal-BEI dwar l-Ilma u l-Faċilità ta' Konsulenza dwar l-Ilma Sostenibbli f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni biex tiżdied l-assistenza għal dawk li potenzjalment jieħdu self, u b'hekk tiżdied ir-riżerva ta' proġetti.	2025
L-appoġġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni fl-orjentazzjoni mill-ġdid tal-fondi tal-politika ta' Koeżjoni għar-reżiljenza tal-ilma fir-rieżami ta' nofs it-terminu.	2025
L-istabbiliment ta' Aċċelleratur tal-Investment għar-Reżiljenza tal-Ilma	2026–2027
It-tnedija ta' inizjattiva ta' Kurituri Ħodor u Blu biex tappoġġa r-restawr tal-ambjenti u l-infrastruttura ekoloġiċi fosthom ix-xmajjar, l-artijiet mistagħdra, u r-restawr kostali biex jiġi restawrat iċ-ċiklu tal-ilma b'approċċ mis-sors għall-baħar.	2027
L-adozzjoni ta' Pjan Direzzjonali għall-Krediti tan-Natura biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' dawn l-istrumenti u tiġi inċentivata l-espansjoni ta' dawn is-swieq.	2025

3.3 Id-Diġitalizzazzjoni u l-Intelliġenza Artifiċjali biex titħaffef u tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tajba tal-ilma

Id-diġitalizzazzjoni għandha potenzjal sinifikanti li tirrevoluzzjona l-ġestjoni tal-ilma u tippromwovi l-użu sostenibbli tal-ilma. Se ġgħib informazzjoni intuittiva f'waqtha għat-tfassil aħjar tal-politika u t-tfassil u t-tħaddim imtejba tal-infrastruttura u s-servizzi tal-ilma. Bosta soluzzjonijiet diġitali, inkluża l-Intelliġenza Artifiċjali, huma disponibbli fis-suq⁵⁷. Madankollu, l-adozzjoni għadha bil-mod wisq u mhux uniformi.

Biex taħtaf dan il-potenzjal li fil-biċċa l-kbira għadu ma ġiex sfruttat, u filwaqt li tibbaża fuq il-Komunikazzjonijiet li ġejjin dwar l-Unjoni tad-Data u dwar l-istrateġija għall-applikazzjoni tal-IA, il-Kummissjoni se tadotta Pjan ta' Azzjoni mmirat biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi tas-settur tal-ilma bħas-sistemi analogi u dawk li qed isiru antiki, is-settijiet ta' data kbar ħafna mxerrda f'ħafna repożitorji differenti. Dan se jinkludi żewġ pilastru ewlenin: i) il-varar ta' soluzzjonijiet diġitali permezz tal-finanzjament u l-kondiviżjoni tal-għarfien biex jinbnew il-ħiliet diġitali u jitħeġġeġ it-trasferiment tat-teknoloġija fis-settur tal-ilma; u ii) l-appoġġ għall-kondiviżjoni

⁵⁶ Il-BĊE u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, *Towards a European system for natural catastrophe risk management*, Dokument Konġunt, Diċembru 2024.

⁵⁷ Dawn jinkludu l-kejl intelliġenti li jipprovdi data f'ħin reali dwar l-użu tal-ilma, il-manutenzjoni predittiva u s-sistemi ta' detezzjoni tat-tnixxijiet, it-tewmin diġitali, kif ukoll il-prodotti bbażati fuq data ġġenerata minn sensuri *in situ*, tad-droni jew dawk satellitari.

tad-data dwar l-ilma billi jitrawwem l-iżvilupp ta' portali nazzjonali tad-data biex tingħeleb il-frammentazzjoni u biex id-data tkun tista' tinstab faċilment, tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, tkun interoperabbli u tista' terġa' tintuża, f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa⁵⁸.

“Punt uniku ta' servizz” għall-prodotti ta' Osservazzjoni tad-Dinja rilevanti għall-ġestjoni tal-ilma se jagħmel il-ġestjoni tal-ilma mill-ispazju faċilment aċċessibbli għal kulħadd. Filwaqt li l-Osservazzjoni tad-Dinja ilha tintuża għal għexieren ta' snin biex jiġu mbassra n-nixfiet u l-għargħar, l-użu ta' kuljum tagħha għall-ġestjoni tal-ilma huwa ħafna anqas mifruq. Copernicus u s-sitt servizzi speċjalizzati tiegħu jipprovdu portafoll estensiv ta' prodotti relatati mal-ilma disponibbli fuq bażi sħiħa, bla ħlas u miftuħa. Madankollu, din l-informazzjoni hija mxerrda. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi “punt uniku ta' servizz” għall-prodotti ta' Osservazzjoni tad-Dinja rilevanti għall-ġestjoni tal-ilma — Ċentru Tematiku dwar l-Ilma — sabiex tiġbor flimkien id-data, il-prodotti u l-għodod relatati mal-ilma ta' Copernicus, u tiffaċilita l-aċċess u l-użu ta' din id-data. Dan se jrawwem il-kollaborazzjoni bejn il-komunitajiet tal-Osservazzjoni tad-Dinja u dawk tal-ġestjoni tal-ilma, fi sħubija maċ-Ċentru tal-Għarfien dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, filwaqt li jiżgura li l-prodotti ta' Copernicus jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-utenti u ta' dawk li jfasslu l-politika.

L-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-ilma u l-awtoritajiet tal-ippjanar u tal-permessi, kif ukoll is-settur privat jista' jkollhom bżonn assistenza fil-valutazzjoni tar-riskji minħabba t-tibdil fil-klima. Il-mudelli diġitali li qed jiġu żviluppati mill-Kummissjoni bħat-Tewmi Diġitali tal-Oċean u l-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja se jappoġġaw il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet u tad-disponibbiltà tal-ilma fit-tul f'diversi xenarji tat-tibdil fil-klima jew tal-attivitajiet tal-bniedem. Tali kapaċitajiet jistgħu jsiru disponibbli għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali qabel l-2030.

Azzjonijiet ewlenin – Id-Diġitalizzazzjoni u l-Intelliġenza Artifiċjali biex titħaffef u tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tajba tal-ilma	Skeda ta' żmien
L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja u tat-Tewmi Diġitali tal-Oċean tal-UE għar-reżiljenza tal-ilma, u sal-2030, il-kapaċitajiet isiru disponibbli għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali fl-UE u lil hinn minnha.	2025–2030
L-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni fil-livell tal-UE dwar id-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-ilma inkluż inizjattiva fil-livell tal-UE dwar il-kejl intelliġenti għal kulħadd.	2026
It-tnedija ta' Ċentru Tematiku ta' Copernicus dwar l-Ilma.	2026

3.4 Ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-industrija tal-ilma u l-ħiliet biex tissaħħaħ il-kompetittività

L-innovazzjoni fl-ilma trid tiżdied, abbażi tal-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji start-up u scale-up. L-ilma kien u għadu komponent importanti tal-Programmi Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u diġà hemm portafoll kbir ta' ideat u soluzzjonijiet innovattivi żviluppati fl-Ewropa. Madankollu, l-użu reali ta' dawn is-soluzzjonijiet lil hinn mill-istadju tal-proġett għadu kajman. Biex tindirizza din il-kwistjoni, il-Kummissjoni se tistabbilixxi interfaċċja xjenza/politika biex tivvalorizza l-għarfien mill-azzjonijiet ta' Riċerka u Innovazzjoni ffinanzjati mill-UE u minn fondi nazzjonali.

Il-Kummissjoni se tnedi Alleanza Industrijali Intelliġenti fl-użu tal-Ilma biex tappoġġa l-konsolidazzjoni tagħha billi tistimula l-innovazzjoni, il-kompetittività u tiżgura l-ħiliet meħtieġa fil-

⁵⁸ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku.

qasam tal-ilma. Barra minn hekk, f'konformità mal-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni se tesplora kif l-akkwist pubbliku jista' jippromwovi kunsiderazzjonijiet ta' reżiljenza tal-ilma fis-sejthiet għall-offerti pubbliċi rilevanti u aċċess simplifikat għas-suq għall-SMEs biex jgħinhom jisfruttaw il-potenzjal ta' innovazzjoni tagħhom. Biex tikkomplementa dawn l-inizjattivi, il-Kummissjoni se tnedi wkoll Akkademja Ewropea tal-Ilma biex tindirizza l-ħtiġijiet ta' kapaċità fis-settur tal-ilma tal-Ewropa, filwaqt li trawwem sħubijiet pubbliċi-privati, l-innovazzjoni, u t-trasferiment tat-teknoloġija biex jtnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet.

Nies ta' kull età u f'dixxiplini differenti jeħtieġ li jżviluppaw ħiliet ġodda. L-impjeggi fis-settur tal-ilma żdiedu f'dawn l-aħħar snin u se jkomplu jiżdiedu⁵⁹. Madankollu, kemm l-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll is-settur privat qed jiffaċċjaw forza tax-xogħol li qed tixjieħ u diskrepanza fil-ħiliet, b'mod partikolari f'oqsma tekniċi bħat-trattament u l-ġestjoni tal-ilma, kif ukoll fir-rigward tal-ħiliet diġitali. Il-pakkett tal-Unjoni tal-ħiliet inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus jistgħu jagħtu spinta lit-taħriġ għall-awtoritajiet, għall-professjonisti tal-ġestjoni tal-ilma, u għall-komunitajiet. Għall-ilma ħelu u l-oċeani jridu jiġu promossi l-ħiliet fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-ingerinija u fil-matematika (STEM, science, technology, engineering, and maths)⁶⁰. Biex il-forza tax-xogħol fis-settur tal-ilma tal-UE titgħammar bil-ħiliet it-tajba, il-Kummissjoni, l-industrija tal-ilma tal-UE u l-partijiet ikkonċernati se jaħdmu flimkien fosthom fuq it-tnedija possibbli ta' sħubija dwar il-ħiliet fuq skala kbira. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se ssaħħaħ it-taħriġ vokazzjonali billi żżid l-appoġġ tagħha għall-Pjattaforma tal-Eċċellenza Vokazzjonali fil-qasam tal-Ilma. Hija se tuża wkoll in-Network eżistenti tal-Iskejjel Blu Ewropej biex iżżid il-litteriżmu u trawwem is-sensibilizzazzjoni biex tiġi indirizzata l-protezzjoni tal-ilma ħelu u tal-oċeani f'approċċ mis-sors għall-baħar.

Minkejja bażi ta' għarfien soda, għad hemm lakuni fil-fehim tal-ilma ħelu u tal-ilma marin Ewropej, id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma, it-tibdil fil-klima, u r-rabta bejn l-ilma, l-enerġija, l-ikel u l-ekosistemi. L-użu effettiv tal-fondi għar-riċerka tal-UE jista' jgħin biex jiddaħħlu teknoloġiji innovattivi fis-suq u jiġu appoġġati l-SMEs. Filwaqt li tibni fuq ir-riċerka mill-aktar avvanzata fl-ambitu tal-Missjonijiet tal-UE Nirrestawraw l-Oċeani u l-Ilmijiet Tagħna u Adattament għat-Tibdil fil-Klima, il-Kummissjoni se tadotta, sa tmiem l-2026, Strateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma li tindirizza l-frammentazzjoni tal-inizjattivi ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-UE.

Fl-aħħar nett, biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Ewropa fil-qasam tal-ilma billi tiġi xprunata l-innovazzjoni u jtnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet u fl-għarfien, jeħtieġ li noħolqu aktar sinerġiji u nġhaqqdu l-industrija, l-edukazzjoni u r-riċerka b'approċċ mis-sors għall-baħar. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni se tnedi, fl-2026, Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) fis-Setturi u l-Ekosistemi tal-Ilma, Marini u Marittimi fl-ambitu tal-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT, European Institute of Technology).

Azzjonijiet ewlenin – Ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-industrija tal-ilma u l-ħiliet biex tissaħħaħ il-kompetittività	Skeda ta' żmien
Interfaċċa xjenza/politika għat-tixrid tar-riżultati ta' proġetti ta' Riċerka u Innovazzjoni ffinanzjati mill-UE, pereżempju permezz ta' pjattaforma ta' punt uniku ta' servizz.	2026
Strateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma.	2026
Alleanza industrijali intelliġenti fl-użu tal-ilma biex tistimula l-kompetittività.	2026

⁵⁹ Cedefop (2023). *Skills in transition: the way to 2035*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. <http://data.europa.eu/doi/10.2801/438491>

⁶⁰ Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM: ħiliet għall-kompetittività u l-innovazzjoni COM(2025)89.

Akkademja Ewropea tal-Ilma.	2026–2027
Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) fis-Setturi u l-Ekosistemi tal-Ilma, Marini u Marittimi fl-ambitu tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).	2026

3.5 Is-sigurtà u t-tħejjija biex tingħata spinta lir-reżiljenza kollettiva

It-theddid xprunat mill-klima u t-telf tal-bijodiversità, l-attakki malizzjużi marbuta mat-tfixkil tal-infrastruttura u tal-provvista kritika tal-ilma, flimkien mat-tniġġis aċċidentali tal-ilmijiet interni u marini ġew identifikati bħala riskji ewlenin tal-ilma mill-Istati Membri. Matul dawn l-aħħar snin, diżastri bħal dawn wasslu għal għadd dejjem jikber ta' talbiet għall-assistenza mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM, EU Civil Protection Mechanism), kemm fl-Ewropa kif ukoll f'partijiet oħra tad-dinja. L-UE se tkompli turi solidarjetà għall-kooperazzjoni transkonfinali, iżda sabiex tagħmel użu effiċjenti mill-fondi disponibbli u titnaqqas il-ħtieġa għall-għajnuna f'każ ta' diżastri, din is-solidarjetà trid tkun ikkomplementata minn prinċipji ta' tħejjija sa mid-disinn. F'dan il-kuntest huma partikolarment rilevanti r-Regolament rigward l-appoġġ reġjonali ta' emerġenza għar-rikostruzzjoni, li jappoġġa lill-Istati Membri biex jimobilizzaw fondi malajr⁶¹ u r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni.

Iċ-ċittadini jeħtieġu soluzzjonijiet lokali li jipproteġuhom u jippermettulhom ikunu ppreparati għal dak li ma jistax jiġi evitat, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza⁶². Azzjonijiet bħal dawn iridu jintegraw kunsiderazzjonijiet tal-ippjanar urban biex jiġi indirizzat it-tniġġis, filwaqt li jimmitigaw u jadattaw għat-tibdil fil-klima, itejbu l-ġestjoni tar-riskju ta' nixfa u ta' għargħar, jottimizzaw l-użu ta' għodod diġitali u sistemi ta' twissija rapida, u jsaħħu r-rabtiet ta' għodod ta' ġestjoni tar-riskju diġà eżistenti fil-livell Ewropew (bħall-għodod ta' twissija bikrija tas-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus⁶³), u fil-livell nazzjonali u lokali. Iċ-ċittadini u l-komunitajiet iridu jingħataw is-setgħa li jaġixxu lejn l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni mir-riskji ta' għargħar u nixfiet. Li jkun hemm informazzjoni disponibbli dwar ir-riskji speċifiċi ta' għargħar u nixfiet għall-bini u għall-art huwa l-ewwel pass lejn iż-żieda fir-reżiljenza tas-soċjetà.

Jeżistu ħafna għodod fl-UE biex jipproteġu l-popolazzjoni minn diżastri relatati mal-ilma, jew biex jimmitigaw l-impatt, iżda mhux dejjem ikunu magħrufa jew użati biżżejjed. Huwa importanti li iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa li jitgħallmu dwar ir-riskji dejjem jikbru ta' diżastri tal-ilma kkawżati mill-klima u jiġġestuhom, kif mitlub fl-Għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-Reżiljenza għad-Diżastri żviluppata taħt l-UCPM⁶⁴. Il-Kummissjoni se ttejjeb is-sistemi ta' twissija bikrija u ta'

⁶¹ Ir-Regolament (UE) 2024/3236 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1057 u (UE) 2021/1058 rigward l-Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni (RESTORE).

⁶² JOIN(2025) 130 final. Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza.

⁶³ Is-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus bis-sistemi ta' twissija bikrija tiegħu għan-nirien forestali (is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien Forestali (EFFIS, European Forest Fire Information System)), l-għargħar (is-Sistemi Ewropej u Globali ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar (EFAS, European Flood Awareness Systems) u (GloFAS, Global Flood Awareness Systems)), u n-nixfiet (l-Osservatorju Ewropew u Globali tan-Nixfa (EDO, European Drought Observatory) u (GDO, Global Drought Observatory)), il-viżwalizzatur ta' sensibilizzazzjoni dwar iż-Żoni f'Riskju ta' Għargħar.

⁶⁴ L-ewwel Għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-Reżiljenza għad-Diżastri ġew stabbiliti skont l-Artikolu 6(5) tad-Deċiżjoni dwar il-UCPM, u ġew ippubblikati fi Frar 2023. Ir-Rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-Għanijiet tal-Unjoni marbuta

monitoraġġ f'ħin reali tal-UE għall-għargħar u n-nixfiet billi tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri, billi ssaħħaħ l-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa u s-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar tas-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus.

Li nkunu nafu x'inhuma d-dgħufijiet tagħna u nindirizzawhom se jagħmilna aktar reżiljenti. Hekk kif il-frekwenza u s-severità tal-impatt tal-attakki ċibernetiċi kontra l-faċilitajiet tal-ilma qed jiżdiedu, l-ippjanar xieraq tas-sigurtà u l-fehim aħjar tal-vulnerabbiltajiet se jgħinu lill-Unjoni u lill-operaturi ekonomiċi jiġġieldu l-azzjonijiet ostili kontra l-integrità fiżika u ċibernetika, inkluż tal-provvista tal-ilma tax-xorb u l-infrastruttura tat-trattament tal-ilma mormi u l-kontaminazzjoni intenzjonata tal-ilma. Dan l-ippjanar se jibbenefika ħafna mill-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER, Critical Entities Resilience)⁶⁵ u d-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha (id-Direttiva NIS2)⁶⁶. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li jmiss li tistabbilixxi linji gwida mhux vinkolanti biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni tal-entitajiet kritiċi tagħhom u fir-rapportar dwar l-eżitu tal-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom se tapplika għas-setturi tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva CER. Element importanti ieħor tat-tishiġ tar-reżiljenza tal-UE huwa l-appoġġ lill-awtoritajiet pubbliċi, lin-negozji u lill-pubbliku fit-tnejn għar-riskji klimatiċi futuri, inkluż permezz tal-użu ta' xenarji ta' referenza klimatiċi komuni u għodod diġitali għal sistemi ta' twissija bikrija u ta' monitoraġġ f'ħin reali tal-UE.

Azzjonijiet ewlenin – Is-sigurtà u l-preparatezza biex tingħata spinta lir-reżiljenza kollettiva	Skeda ta' żmien
It-tishiġ tar-reżiljenza tal-infrastruttura tal-ilma fuq l-art u lil hinn mill-kosta permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi.	2025
It-titjib tas-sistemi ta' twissija bikrija u ta' monitoraġġ f'ħin reali tal-UE billi jissaħħaħ l-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa u s-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar tas-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus.	Mill-2025
L-adozzjoni ta' Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima.	2026

4. AZZJONI GLOBALI - TMEXXIJA BL-EŻEMPJU, IMPENN U INIZJATTIVI

Fadal 5 snin sa tmiem l-Aġenda 2030. Il-progress lejn l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6⁶⁷ huwa ferm anqas mir-ritmu meħtieġ. Madwar id-dinja, 2,2 biljun persuna għad ma għandhomx aċċess għal ilma tax-xorb sikur, aktar minn nofs l-umanità ma għandhiex aċċess għal sanità sikura, u ħafna baċiri tal-iskular jesperjenzaw livelli dejjem jiżdiedu ta' degradazzjoni, li jheddu s-saħħa tal-ekosistema u d-disponibbiltà tal-ilma, u li qed jiġu aggravati mit-tibdil fil-klima. L-artijiet mistagħdra huma l-aktar ġesturi effettivi tal-ilma fin-natura, madankollu, madwar id-dinja, dawn qed jgħibu tliet

mar-Reżiljenza għad-Diżastri, ĠU C 56, 15.2.2023, p.1. Il-Komunikazzjoni dwar l-għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri: Naġixxu flimkien biex nittrattaw emerġenzi futuri, COM(2023) 61.

⁶⁵ Sal-2026, l-Istati Membri se jadottaw strateġija għat-tishiġ tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi li tkopri s-setturi tax-xorb u tal-ilma mormi.

⁶⁶ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha (Direttiva NIS2), ĠU L 333, 27.12. 2022, p.80.

⁶⁷ SDG6 L-iżgurar tal-aċċess għall-ilma u s-sanità għal kulħadd.

darbiet aktar malajr mill-foresti, u dan qed iżid ir-riskju ta' deżertifikazzjoni u għargħar. Huwa stmat li kważi nofs il-popolazzjoni tad-dinja se ssofri minn stress idriku sal-2030⁶⁸.

Hija meħtieġa azzjoni globali rapida u trasformattiva, inkluża definizzjoni mill-ġdid tal-mod kif napprezzaw u nirregolaw l-ilma għall-ġid komuni biex tiġi evitata kriżi aċċellerata tal-ilma.

Permezz tal-azzjonijiet tagħha taħt l-istrateġija Global Gateway, l-UE se tikkontribwixxi għall-protezzjoni u r-restawr taċ-ċiklu globali tal-ilma, il-bini ta' ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma u l-iżgurar tas-sigurtà tal-ilma għal kulħadd, f'konformità mal-oġġettivi fil-livell tal-UE ta' din l-istrateġija u l-Patt għall-Futur⁶⁹. L-UE se tespandi s-sħubijiet strateġiċi u d-diplomazija fil-qasam tal-ilma biex tippromwovi l-Ġestjoni Integrata tar-Riżorsi tal-Ilma, l-approċċ mis-sors għall-baħar, l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, l-investment fl-ilma sostenibbli u s-sanità għal kulħadd, u riformi tal-politika xprunati mill-innovazzjoni. Bħala parti mill-bini ta' ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma, ċirkolari u kompetittiva, l-UE se tappoġġa inizjattivi globali għall-promozzjoni tal-effiċjenza idrika u l-użu mill-ġdid tal-ilma fis-setturi ekonomiċi kollha. Barra minn hekk, l-UE se tappoġġa l-finalizzazzjoni u l-adozzjoni tal-Linji Gwida tal-Codex Alimentarius⁷⁰ biex jiġu żgurati l-użu u l-użu mill-ġdid mikrobijoloġikament sikuri tal-ilma fil-produzzjoni tal-ikel madwar id-dinja.

Ir-rabta bejn l-ilma, il-paċi u s-sigurtà se tissaħħaħ billi jitlaqqgħu flimkien l-atturi umanitarji, tal-iżvilupp u tal-paċi, li jippromwovu l-konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali biex jiġu appoġġati s-sikurezza u s-sigurtà tar-riżorsi tal-ilma, il-persunal fil-qasam tal-ilma u l-infrastruttura tal-ilma f'żoni ta' kunflitt. Billi tistabbilixxi rekwiżiti ambjentali minimi għal operazzjonijiet ta' għajnunha umanitarja ffinanzjati mill-UE, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tar-riżorsi tal-ilma f'kuntesti li huma partikolarment affettwati minn nuqqas ta' ilma⁷¹.

Governanza globali tal-ilma aktar b'saħħha hija essenzjali għal progress kostanti, tmexxija strateġika u biex tingħeleb il-frammentazzjoni. Bis-saħħa tal-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma 2023 issa l-ilma huwa stabbilit b'mod sod fix-xenarju politiku globali bl-Aġenda ta' Azzjoni ambizzjuża dwar l-Ilma⁷², segwita mir-riżoluzzjoni UNEA-6 dwar l-ilma⁷³, l-istrateġija għas-sistema kollha dwar l-ilma u s-sanità⁷⁴ u l-ħatra tal-mibgħut speċjali tan-NU dwar l-Ilma. L-UE se taħdem għal eżitu ambizzjuż u orjentat lejn l-azzjoni tal-Konferenzi tan-NU dwar l-Ilma li jmiss, inkluż proċess intergovernattiv regolari tan-NU dwar l-ilma, l-integrazzjoni tal-ilma fil-proċessi multilaterali u l-involviment f'koalizzjonijiet ewlenin. L-UE se tinvolvi wkoll lill-pajjiżi sħab dwar il-governanza tal-ilma, inkluż permezz tal-bini tan-network tagħha ta' mibgħuta tal-ilma tal-Istati Membri tal-UE.

L-UE se tappoġġa l-estensjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Ilma⁷⁵ bħala mezz għall-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma kondiviżi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini tal-paċi, is-sigurtà, u l-iżvilupp ekonomiku. Permezz ta' Global Gateway⁷⁶, Tim Ewropa (il-

⁶⁸ Ir-Rapport tan-NU tal-2024 dwar l-iżvilupp tal-ilma fid-dinja: *Water for Prosperity and Peace*.

⁶⁹ [Riżoluzzjoni 79/1 tal-AĠNU](#)

⁷⁰ [fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/tr/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FStandards%252FCXG%2B100-2023%252FCXG_100e.pdf](https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/tr/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FStandards%252FCXG%2B100-2023%252FCXG_100e.pdf)

⁷¹ https://civil-protection-humanitarian-aid.ec.europa.eu/what/humanitarian-aid/climate-change-and-environment_en

⁷² <https://sdgs.un.org/conferences/water2023/action-agenda>, bi 33 impenn tal-UE <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7443-2023-INIT/en/pdf>.

⁷³ <https://docs.un.org/en/UNEP/EA.6/RES.13>.

⁷⁴ [UN System-wide Strategy for Water and Sanitation July2024 vs23July2024.pdf](#).

⁷⁵ Il-Konvenzjoni fuq il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadajjar Internazzjonali.

⁷⁶ L-istrateġija Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi globali l-aktar urġenti u biex jiġu mobilizzati sa EUR 300 biljun f'investimenti għal proġetti sostenibbli u ta' kwalità għolja https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/stronger-europe-world/global-gateway_mt.

Kummissjoni, il-BEI u l-istituzzjonijiet tal-finanzjament għall-iżvilupp tal-Istati Membri) qed jagħmel aktar minn EUR 1,2 biljun disponibbli għall-appoġġ tal-governanza, l-għarfien u l-investimenti fi 18-il baċir tal-ilma transfruntier ewlieni f'47 pajjiż fl-Afrika u fl-Asja Ċentrali. Dan jinkludi inizjattivi bħall-Fond Internazzjonali għall-Baħar Aral u l-programm Afrika Blu.

L-UE se ssaħħaħ is-sħubijiet nazzjonali u reġjonali dwar l-ilma. Dan jinkludi l-Aġenda tal-Ilma tal-Unjoni għall-Mediterran 2030 u l-Patt għall-Mediterran il-ġdid, biex tiġi indirizzata l-iskarsezza tal-ilma u l-impatti klimatiċi li qed jiżdiedu fir-reġjun. L-UE se tappoġġa lill-pajjiżi kandidati u tal-viceinat, inkluż permezz tal-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent u għall-Viċinat tal-Lvant u l-Faċilità għall-Ukrajna. F'dan il-kuntest, l-approċċ strateġiku tal-UE għall-Baħar l-Iswed⁷⁷ huwa ta' importanza partikolari, biex jappoġġa lill-komunitajiet lokali kontra, fost affarijiet oħra, ħsara ambjentali relatata mal-gwerra. L-UE se tipproponi l-introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-ilma fl-acquis kopert mit-Trattat dwar il-Komunità tal-Energija⁷⁸. L-UE u l-Asja Ċentrali se jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom permezz tas-sħubija strateġika miftiehma dan l-aħħar, b'pakkett ta' investiment tal-Global Gateway ta' EUR 12-il biljun biex jiffoka fuq erba' prijoritajiet ewlenin, inklużi l-klima, l-ilma u l-enerġija. L-industrija tal-ilma mill-aktar avvanzata tal-UE hija kruċjali biex tappoġġa lill-pajjiżi sħab, tiżviluppa teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma, tiffinanzja infrastruttura sostenibbli u tixpruna l-innovazzjoni. L-UE se tappoġġa l-inċentivi ta' politika, il-mekkaniżmi ta' finanzjament u l-SMEs fil-qasam tal-ilma biex jaħtfu l-opportunitajiet rilevanti tas-suq.

L-UE tibqa' impenjata li tgħin biex jitnaqqas id-distakk konsiderevoli fil-finanzjament internazzjonali tal-ilma. Permezz tal-Global Gateway, l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-akbar kontributor għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, fosthom fejn jidħlu l-infrastruttura tal-ilma u s-Soluzzjonijiet Ibbażati fuq in-Natura, imsaħħa permezz tal-mobilizzazzjoni tal-involviment tas-settur privat permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD+, European Fund for Sustainable Development). Il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, flimkien ma' banek multilaterali oħra tal-iżvilupp, impenjaw ruħhom għal livelli akbar ta' finanzjament għas-sigurtà tal-ilma u se jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom⁷⁹. L-UE se tkompli tappoġġa l-investimenti prinċipalment permezz ta' mekkaniżmi ta' taħlit u garanziji u se ttejjeb il-klima tal-investiment billi tiffaċilita r-riformi legali u tippromwovi standards soċjali u ambjentali għoljin. Dan jinkludi inizjattivi bħall-Climate Investor 2, faċilità ta' finanzjament imħallat li timmobilizza sa EUR 2,2 biljun għal proġetti ta' infrastruttura tal-ilma, tas-sanità u tal-oċeani, kif ukoll akkwist strateġiku u appoġġ għall-oqfsa ambjentali, soċjali u ta' governanza. Is-Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa jista' jkollhom rwol ukoll.

Azzjonijiet ewlenin – Azzjoni Globali – tmexxija bl-eżempju, impenn u inizjattivi	Skeda ta' żmien
Il-promozzjoni tar-reżiljenza tal-ilma bis-saħħa tal-Global Gateway permezz ta' appoġġ għal inizjattivi prijoritarji relatati mal-ilma u involviment imsaħħaħ tal-pajjiżi u r-reġjuni.	Mill-2025

⁷⁷ JOIN(2025) 135/3, Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - L-approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed.

⁷⁸ [Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija - Paġna ewlenija tal-Komunità tal-Enerġija](#)

⁷⁹ <https://www.eib.org/files/press/CommitmenttoWaterSecuritywithlogos.pdf>

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri, lis-sħab istituzzjonali, lin-negozji u lill-partijiet kollha tas-soċjetà biex jieħdu azzjoni skont kif indikat f'din l-Istrateġija.

Minn Diċembru 2025, il-Kummissjoni se tibda torganizza, kull sentejn, Forum dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma, li jlaqqa' flimkien, għal djalogu inklużiv, lill-partijiet ikkonċernati tal-UE u l-partijiet interessati biex iqisu l-progress li sar fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ilma fil-livelli kollha tal-gvern, fin-negozji u fis-soċjetà ċivili, u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija.

FI-2027, il-Kummissjoni se twettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi f'din l-Istrateġija. Hija se tagħmel ukoll l-ewwel evalwazzjoni tal-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-prinċipju "l-effiċjenza idrika tiġi l-ewwel". F'dan il-kuntest, xi wħud mill-azzjonijiet jistgħu jiġu aġġornati jew riveduti.

FI-2029, il-Kummissjoni se tevalwa l-progress li jkun sar, inkluża evalwazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet nazzjonali meħuda f'konformità mar-Rakkomandazzjoni dwar il-prinċipju "l-effiċjenza idrika tiġi l-ewwel". Il-Kummissjoni se tidentifika wkoll azzjonijiet ulterjuri possibbli meħtieġa biex tindirizza t-tħassib emerġenti u se tirrevedi, kif ikun xieraq, il-miri u l-azzjonijiet identifikati, bil-għan li tinkiseb ir-reżiljenza tal-ilma fis-setturi kollha tas-soċjetà.

ANNEX I – LISTA SĦIĦA TA’ AZZJONIJIET

	AZZJONIJIET	Skeda ta’ żmien
IR-RESTAWR U L-PROTEZZJONI TAĊ-ĊIKLU TAL-ILMA		
	L-istabbiliment, inkluż permezz ta’ djalogi strutturati mal-Istati Membri, tal-prijoritajiet ta’ implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar, b’enfasi fuq il-kwalità u l-kwantità tal-ilma.	2025–2026
	Ir-reviżjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.	2027
	L-iżvilupp ta’ indikaturi tal-iskarsezza tal-ilma u Gwida Teknika dwar il-Pjanijiet ta’ Ġestjoni tan-Nixfa.	2026–2027
	L-indirizzar tas-sorsi ewlenin tat-tniġġis: <ul style="list-style-type: none"> Inizjattiva pubblika-privata biex jinkiseb avvanz teknoloġiku f’metodi fattibbli u affordabbli għas-sejbien u r-rimedju tal-PFAS u sustanzi kimiċi persistenti oħra, jekk jinstabu s-sħab it-tajba. It-tnedija ta’ sett ta’ għodod ta’ assistenza biex l-Istati Membri jappoġġaw azzjonijiet ħalli jitnaqqas it-tniġġis min-nutrijenti, inkluż permezz ta’ mmudellar imtejjeb, mapep interattivi u skambji tal-aħjar Prattiki. 	2027 2026–2027
IL-BINI TA’ EKONOMIJA INTELLIĠENTI FL-UŻU TAL-ILMA LI MA TĦALLI LIL ĦADD JIBQA’ LURA, TAPPOĠĠA L-KOMPETITTIVITÀ TAL-UE U TATTIRA LILL-INVESTITURI		
	Rakkomandazzjoni dwar il-prinċipju “l-effiċjenza idrika tiġi l-ewwel”, linji gwida u rapport tal-EEA dwar il-potenzjal mhux sfruttat tal-effiċjenza idrika.	2025–2026
	Appoġġ għall-adozzjoni ta’ Prattiki tal-użu mill-ġdid tal-ilma anke lil hinn mill-agrikoltura u rieżami tar-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma.	2026–2028
	Provvista pubblika tal-ilma: <ul style="list-style-type: none"> Appoġġ għat-tnaqqis tat-tnixxijiet u għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u valutazzjoni profonda tad-data. 	2025–2028
	Agrikoltura: <ul style="list-style-type: none"> Massimizzazzjoni tal-użu tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għar-reżiljenza tal-ilma permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi promossi min-network tal-PAK tal-UE, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikoli (EIP-AGRI, European innovation partnership for agricultural productivity and sustainability), kif ukoll servizzi ta’ konsulenza mtejba u indipendenti għall-azjendi agrikoli. Fil-perjodu ta’ programmazzjoni li jmiss, ikomplu jingħataw inċentivi lill-bdiewa biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-azjendi tagħhom, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni aħjar tal-ilma. 	2025–2026
	Industrija u Enerġija: <ul style="list-style-type: none"> It-tnedija ta’ proġett pilota għall-promozzjoni tal-effiċjenza idrika, inklużi teknoloġiji mingħajr ilma u ta’ ċiklu tal-ilma magħluq, f’raggruppamenti industrijali magħżula. 	2025–2026

	<ul style="list-style-type: none"> L-inklużjoni tal-użu tal-ilma fost il-parametri ta' skema komuni tal-Unjoni biex tiġi kklassifikata s-sostenibbiltà taċ-ċentri tad-data u jiġu proposti standards minimi ta' prestazzjoni tal-konsum tal-ilma. Inizjattiva pubblika-privata biex jinkiseb avvanz teknoloġiku f'metodi fattibbli u affordabbli għat-tkessiħ fin-niexef, jekk jinstabu s-sħab it-tajba. 	
	Il-promozzjoni ta' skambju tal-aħjar prattiki dwar il-bilanċi tal-ilma heġu, iż-żamma ta' rekord tal-flussi tal-ilma, l-effiċjenza idrika, u l-kejl intelliġenti tal-ilma fis-setturi ekonomiċi kollha	Mill-2025
	Il-valutazzjoni tal-kwalità tad-data disponibbli dwar l-ilma u, fejn ikun xieraq, sottomissjoni ta' proposta leġislattiva għall-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali għall-kontijiet tal-ilma.	Sal-aħħar tal-2026
L-IŻGURAR TA' ILMA NADIF U AFFORDABBLI GĦAL KULĦADD, L-GĦOTI TAS-SETGĦA LILL-KONSUMATURI U LIL UTENTI OĦRA		
	L-indirizzar tal-impronta fuq l-ilma tal-prodotti meta jiġu stabbiliti jew aġġornati r-rekwiżiti skont l-ESPR u l-Ekotikketta tal-UE.	2025–2027
	Il-promozzjoni tal-aħjar prattiki dwar is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u r-rwol tal-ipprezzar tal-ilma biex jiġu promossi l-effiċjenza idrika, l-irkupru tal-kostijiet u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, u l-governanza nazzjonali relatata tal-ilma.	2026–2027
	Iż-żieda fl-isforzi rigward ir-reżiljenza tal-ilma fl-ambjent mibni permezz tal-programm ta' ħidma li jmiss 2026–2027 tal-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u fil-Pjan għal Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss.	2026
IL-GOVERNANZA U L-IMPLIMENTAZZJONI BIEX TINGĦATA SPINTA LILL-BIDLA		
	Iż-żieda tal-infurzar u t-tnedija ta' djalogi strutturati mal-Istati Membri kollha biex titħaffef u tiżdied l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-ilma, abbażi ta' prijoritajiet ewlenin ta' infurzar li joħorġu mill-aħħar valutazzjoni tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċini tax-Xmajjar u tar-Riskju ta' Għargħar.	2025–2026
	Fl-ambitu tal-Komunità ta' Prattika tal-Koeżjoni għat-Tranżizzjonijiet, jiġu organizzati skambji regolari mar-reġjuni, l-ibriet u l-awtoritajiet tal-ilma, biex jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-"pajsaġġi sponża" u l-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma identifikati fl-ambitu tal-Interreg.	2025–2027
	It-tnedija ta' viżwalizzatur li jintegra d-data ambjentali mad-data relatata mal-grilji tal-ilma u tal-enerġija biex jgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom fir-rigward tal-ippjanar spazjali ħalli jidentifikaw l-aħjar żoni għal-lokalizzazzjoni ta' operazzjonijiet kummerċjali intensivi fl-użu tal-ilma li tkun ta' benefiċċju għal kulħadd.	2027
	Il-ħolqien ta' Forum dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma.	Mill-2026
FINANZJAMENT, INVESTIMENTI U INFRASTRUTTURA BIEX TINKISEB PROVVISATA STABBLI		
	It-tnedija tal-Programm tal-BEI dwar l-Ilma u l-Faċilità ta' Konsulenza dwar l-Ilma Sostenibbli f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni biex tiżdied l-assistenza għal dawk li potenzjalment jieħdu self, u b'hekk tiżdied ir-riżerva ta' proġetti.	2025

	L-appoġġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni fl-orjentazzjoni mill-ġdid tal-fondi tal-politika ta' Koeżjoni għar-reżiljenza tal-ilma fir-rieżami ta' nofs it-terminu.	2025
	L-istabbiliment ta' Aċċelleratur tal-Investment għar-Reżiljenza tal-Ilma.	2026–2027
	It-tnedija ta' inizjattiva ta' Kurituri Ħodor u Blu biex tappoġġa r-restawr tal-ambjenti u l-infrastruttura ekoloġiċi fosthom ix-xmajjar, l-artijiet mistagħdra, u r-restawr kostali biex jiġi restawrat iċ-ċiklu tal-ilma b'approċċ mis-sors għall-baħar.	2027
	L-adozzjoni ta' Pjan Direzzjonali għall-Krediti tan-Natura biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' dawn l-istrumenti u tiġi inċentivata l-espansjoni ta' dawn is-swieq.	2025
	L-użu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jindirizzaw l-isfidi relatati mal-ilma, b'mod partikolari dawk identifikati fis-Semestru Ewropew.	Mill-2025
ID-DIĠITALIZZAZZJONI U L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI BIEX TITĦAFFEF U TIĠI SSIMPLIFIKATA L-ĠESTJONI TAJBA TAL-ILMA		
	L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja u tat-Tewmi Diġitali tal-Oċean tal-UE għar-reżiljenza tal-ilma, u sal-2030, il-kapaċitajiet isiru disponibbli għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali fl-UE u lil hinn minnha.	2025–2030
	L-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni fil-livell tal-UE dwar id-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-ilma inkluż inizjattiva fil-livell tal-UE dwar il-kejl intelliġenti għal kulħadd.	2026
	It-tnedija ta' Ċentru Tematiku ta' Copernicus dwar l-Ilma.	2026
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI, L-INDUSTRIJA TAL-ILMA U L-HILJET BIEX TISSAĦĦAĦ IL-KOMPETITTIVITÀ		
	Interfaċċa xjenza/politika għat-tixrid tar-riżultati ta' proġetti ta' Riċerka u Innovazzjoni ffinanzjati mill-UE, pereżempju permezz ta' pjattaforma ta' punt uniku ta' servizz.	2026
	Strateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma.	2026
	Alleanza industrijali intelliġenti fl-użu tal-ilma biex tistimula l-kompetittività.	2026
	Akkademja Ewropea tal-Ilma.	2026–2027
	Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) fis-Setturi u l-Ekosistemi tal-Ilma, Marini u Marittimi fl-ambitu tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).	2026
	Il-promozzjoni ta' aktar riċerka u innovazzjoni biex tiġi promossa d-desalinizzazzjoni sostenibbli.	2026
	L-isfida fir-rigward tat-teknoloġija tal-ilma, f'kooperazzjoni mal-EIC.	għad trid tiġi deċiża
IS-SIGURTÀ U T-TĦEJJIJA BIEX TINGĦATA SPINTA LIR-REŻILJENZA KOLLETTIVA		
	It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura tal-ilma fuq l-art u lil hinn mill-kosta permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi.	2025
	It-titjib tas-sistemi ta' twissija bikrija u ta' monitoraġġ f'ħin reali tal-UE billi jissaħħaħ l-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa u s-Sistema Ewropea ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Għargħar tas-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus.	Mill-2025

	L-adozzjoni ta' Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima.	2026
	It-tisħiħ tal-prevenzjoni tal-mard infettiv li jittieħed mill-ilma permezz tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2371 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa.	Mill-2022
AZZJONI GLOBALI – TMEXXIJA BL-EŻEMPJU, IMPENN U INIZJATTIVI		
	Il-promozzjoni tar-reżiljenza tal-ilma bis-saħħa tal-Global Gateway permezz ta' appoġġ għal inizjattivi prijoritarji relatati mal-ilma u involviment imsaħħaħ tal-pajjiżi u r-reġjuni.	Mill-2025
	It-tisħiħ tal-governanza globali tal-ilma permezz tal-involviment f' diskussjonijiet dwar qafas globali futur għall-governanza tal-ilma.	Mill-2025
	It-trawwim tal-kooperazzjoni transfruntiera dwar l-ilma permezz ta' appoġġ għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Ilma.	Mill-2025
	Appoġġ biex mill-anqas 70 miljun individwu jkollhom aċċess għal sors imtejjeb tal-ilma tax-xorb u/jew għal faċilità tas-sanità, mobilizzazzjoni ta' investimenti akbar u spinta lill-kompetittività tal-industrija tal-ilma tal-UE.	għadha għaddejja
	Iż-żieda sinifikanti tal-investment f' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-infrastrutturi jew flimkien mal-infrastrutturi.	Mill-2026
	L-integrazzjoni tal-ilma fil-proċessi internazzjonali, inklużi t-tliet Konvenzjonijiet ta' Rio dwar it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u d-deżertifikazzjoni.	Mill-2025
	It-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-għanijiet u l-miri relatati mal-ilma ⁸⁰ tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal.	għadha għaddejja
	It-tisħiħ tal-involviment tal-UE fil-Konvenzjoni ta' Ramsar.	Mill-2025
	It-tisħiħ tal-involviment fil-G7, fil-G20, fil-Koalizzjoni għall-Kooperazzjoni dwar l-Ilmijiet Transkonfinali, fl-Isfida tal-Ilma Ħelu u fid-Djalogu ta' Baku dwar l-Ilma, fost l-oħrajn.	Mill-2025
	Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investment biex kull pajjiż kandidat jikkonforma mal-acquis dwar l-ilma.	Mill-2026
	Iż-żieda tal-involviment fl-Unjoni għall-Mediterran u fis-Sħubija Mediterranja Blu.	Mill-2025

⁸⁰ <https://www.cbd.int/gbf/targets>

Ir-restawr u l-protezzjoni taċ-ċiklu tal-ilma

Sal-2030, se jiddaħħlu fis-seħħ miżuri ta’ restawr fuq mill-anqas 30 % tal-ħabitats kostali u tal-ilma ħelu tal-UE li ma humiex f’kundizzjoni tajba (*ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura*).

Sal-2030, mill-anqas 30 % tal-ispeċijiet u tal-ħabitats li bħalissa ma humiex fi stat favorevoli jinsabu f’dik il-kategorija jew juru xejra pożittiva qawwija (*l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030*).

Sal-2030, mill-anqas 25 000 km ta’ xmajjar fl-UE se jkollhom jiġu restawrati fi xmajjar ġierja (*l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030*).

Sal-2027, l-Istati Membri għandhom jiproteġu, itejbu u jirrestawraw il-korpi kollha tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta’ taħt l-art bil-għan li jinkiseb status tajjeb (*id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma*).

Il-bini ta’ ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma li ma tħalli lil ħadd jibqa’ lura, tappoġġa l-kompetittività tal-UE u tattira lill-investituri

Sal-2030, is-setturi l-aktar intensivi fl-użu tal-ilma se jkunu adottaw u tejbu prattiki effiċjenti fl-użu tal-ilma, inklużi s-setturi li ġejjin, abbażi tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE:

- **Enerġija:** il-pjanijiet nazzjonali għar-rinnovazzjoni tal-bini, li għandhom ikunu lesti sal-2026, se jibdeu jintużaw f’kull Stat Membru biex tinkiseb ir-rinnovazzjoni progressiva tal-bini eżistenti f’bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050, inkluż permezz ta’ approċċi u programmi li jindirizzaw it-trattament tal-ilma (*id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija*).
- **Industrija:** l-użu tal-ilma se jibda jitnaqqas b’mod tanġibbli fl-akbar proċessi ta’ produzzjoni industrijali u tat-trobbija tal-bhejjem tal-UE (*id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali*).

Barra minn hekk, fir-rigward tal-agrikoltura, sal-2027, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikunu pprovdew appoġġ għal prattiki (lil hinn mir-rekwiżiti obligatorji) biex itejbu s-saħħa tal-ħamrija (u b’hekk itejbu ż-żamma tal-ilma u jillimitaw l-erożjoni) f’47 % taż-żona agrikola tal-UE. L-appoġġ għall-prattiki għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi u għall-ġestjoni mtejba tan-nutrijenti se jkopri 27 % u 15 % taż-żona agrikola tal-UE rispettivament (l-appoġġ tal-PAK u l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK).

Sal-2030, l-Istati Membri b’livelli ta’ tnixxija fil-provvista tal-ilma li jaqbżu l-limitu għall-UE kollha — li għandu jiġi stabbilit sal-2028 — se jippreżentaw pjan ta’ azzjoni b’ miżuri biex jitnaqqsu t-tnixxijiet fin-networks tal-provvista tagħhom (*id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb*).

Sal-2030, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jippromwovu l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi urban ittrattat għall-finijiet xierqa kollha lil hinn mill-agrikoltura u jivvalutaw il-fattibbiltà u l-adeqwatezza tal-istabbiliment ta’ mira tal-UE għall-użu mill-ġdid tal-ilma fis-setturi ekonomiċi kollha (*ir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma*).

L-iżgurar ta’ ilma nadif u affordabbli għal kulħadd, l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi u lil utenti oħra

Sal-2027, l-Istati Membri se jistabbilixxu kontijiet trasparenti tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi, biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-konsum tagħhom u l-prezz reali tal-ilma, kif ukoll sistemi ta’ sorveljanza għall-monitoraġġ tal-parametri tas-saħħa pubblika fl-ilma mormi urban f’każ ta’ emerġenzi (*id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban*).

Sal-2029, l-Istati Membri se jinfirmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda biex itejbu l-aċċess għall-ilma tax-xorb u s-sanità għal kulħadd, inklużi l-gruppi vulnerabbli u emarġinati, u se jibdeu

jaġġornaw lill-Kummissjoni kull 6 snin dwar il-kwistjoni (*id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb u d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban*).

Sal-2030, l-UE se tappoġġa l-aċċess ta' 70 miljun individwu għal sors imtejjeb tal-ilma tax-xorb u/jew faċilità ta' sanità (*l-impenn tal-UE għall-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma*).

Sal-2033, il-bliet kollha tal-UE ta' aktar minn 100 000 abitant se jstabilixxu pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban li jagħtu prijorità lis-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u lill-infrastrutturi ħodor/blu (*id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban*).